

# Il-Ġurnal Uffiċjali

## L 229

### tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 52

1 ta' Settembru 2009

Werrej

I Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja

## REGOLAMENTI

- ★ **Regolament (KE) Nru 767/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu ta' għalf, li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1831/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 79/373/KEE, id-Direttiva tal-Kummissjoni 80/511/KEE, id-Direttivi tal-Kunsill 82/471/KEE, 83/228/KEE, 93/74/KEE, 93/113/KE u 96/25/KE u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/217/KE <sup>(1)</sup> .....** 1

## Rettifika

- ★ **Rettifika għar-Regolament (KE) Nru 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-kondizzjonijiet għall-aċċess għan-networks ta' trażmissjoni tal-gass naturali u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1775/2005 (ĠU L 211, 14.8.2009) .....** 29

<sup>(1)</sup> Test b'relevanza għaż-ŻEE



## I

(Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obligatorja)

## REGOLAMENTI

## REGOLAMENT (KE) Nru 767/2009 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tat-13 ta' Lulju 2009

**dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu ta' għalf, li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1831/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 79/373/KEE, id-Direttiva tal-Kummissjoni 80/511/KEE, id-Direttivi tal-Kunsill 82/471/KEE, 83/228/KEE, 93/74/KEE, 93/113/KE u 96/25/KE u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/217/KE**

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 37 u 152(4)(b) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew <sup>(1)</sup>,

Wara li kkonsultaw lill-Kumitat tar-Regġuni,

Waqf li jaġixxu konformement mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat <sup>(2)</sup>,

Billi:

(1) L-ilhug ta' livell għoli ta' ħarsien tas-saħħa tal-bniedem u l-annimali huwa wieħed mill-oġġetti fundamentali tal-liġi dwar l-ikel, kif stabbilit fir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jstabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jstabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jstabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel <sup>(3)</sup>. Dak ir-Regolament jstabbilixxi wkoll l-approċċ mill-irziezet sal-furketta li jqis l-għalf bħala stadju sensitiv fil-bidu tal-katina tal-ikel. Wieħed mill-oġġetti fundamentali ta' dan ir-Regolament huwa li jiġi garantit livell għoli ta' ħarsien tas-saħħa pubblika.

(2) Il-produzzjoni tal-għalf hija għan importanti għall-prodotti agrikoli Ewropej, meta jitqies li l-parti kbira tal-materjal użat għall-produzzjoni tal-għalf hija magħmula minn prodotti agrikoli elenkati fl-Anness I tat-Trattat. Barra minn hekk, l-għalf huwa ta' sinifikat kruċjali għall-5 miljun bidwi li jrabbu l-annimali fil-Komunità peress li jirrappreżenta l-akbar spiża.

(3) L-għalf jista' jkun f'forma ta' materjali tal-għalf, għalf kompost, addittivi tal-għalf, taħlitiet imħejjija minn qabel jew prodotti medikati għall-għalf tal-annimali. Ir-regoli għat-tqegħid fis-suq ta' addittivi tal-għalf huma stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 fuq l-addittivi għall-użu fl-għalf tal-annimali <sup>(4)</sup> u għall-materjali tal-għalf medikat fid-Direttiva tal-Kunsill 90/167/KEE tas-26 ta' Marzu 1990 li tistipula l-kondizzjonijiet li jirregolaw il-preparazzjoni, id-dħul fis-suq u l-użu fil-Komunità ta' prodotti tal-ikel medikat <sup>(5)</sup>.

(4) Il-leġiżlazzjoni eżistenti dwar iċ-ċirkolazzjoni u l-użu ta' materjali tal-għalf u għalf kompost li jinkludu l-ikel tal-annimal domestiċi, jiġifieri d-Direttiva tal-Kunsill 79/373/KEE tat-2 ta' April 1979 dwar il-marketing ta' għalf kompost <sup>(6)</sup>, id-Direttiva tal-Kunsill 93/74/KEE tat-13 ta' Settembru 1993 dwar l-oġġetti tal-ikel maħsuba għal għanijiet nutrijenti partikolari <sup>(7)</sup> ("għalf djetetiku"), id-Direttiva tal-Kunsill 96/25/KE tad-29 ta' April 1996 dwar iċ-ċirkolazzjoni ta' materjali tal-għalf tal-bhejjem <sup>(8)</sup> u d-Direttiva tal-Kunsill 82/471/KEE tat-30 ta' Ġunju 1982 li tikkonċerna ċerti prodotti użati fin-nutrizzjoni tal-annimali <sup>(9)</sup> ("bijo-proteini"), jeħtieġ li jiġu aġġornati u sostitwiti minn regolament uniku. Għall-fini ta' ċarezza, id-Direttiva tal-Kunsill 83/228/KEE dwar l-iffissar ta' linji gwida għall-evalwazzjoni ta' ċerti prodotti użati

<sup>(1)</sup> ĠU C 77, 31.3.2009, p. 84.

<sup>(2)</sup> Opinjoni tal-Parlament Ewropew tal-5 ta' Frar 2009 (għadha mhix publikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Ġunju 2009.

<sup>(3)</sup> ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1.

<sup>(4)</sup> ĠU L 268, 18.10.2003, p. 29.

<sup>(5)</sup> ĠU L 92, 7.4.1990, p. 42.

<sup>(6)</sup> ĠU L 86, 6.4.1979, p. 30.

<sup>(7)</sup> ĠU L 237, 22.9.1993, p. 23.

<sup>(8)</sup> ĠU L 125, 23.5.1996, p. 35.

<sup>(9)</sup> ĠU L 213, 21.7.1982, p. 8.

għan-nutrizzjoni tal-annimali<sup>(1)</sup> u d-Direttiva tal-Kummissjoni 80/511/KEE tat-2 ta' Mejju 1980 li tawtorizza, f'ċerti każi, it-tqegħid fis-suq ta' għalf għall-annimali kompost f'pakketi jew reċipjenti mhux issiġillati<sup>(2)</sup> għandhom jiġu mħassra.

- (5) Bħala konsegwenza tat-tħassir tad-Direttiva 79/373/KEE permezz ta' dan ir-Regolament, id-Direttiva tal-Kunsill 93/113/KE tal-14 ta' Diċembru 1993 dwar l-użu u l-bejgħ tal-enzimi, mikro-organiżmi u l-preparazzjoni tagħhom fin-nutrijenti tal-annimali<sup>(3)</sup> għandha tiġi mħassra wkoll. Barra minn dan, fid-dawl tat-tħassir tad-Direttiva 79/373/KEE, u meta jitqies li dan ir-Regolament jinkludi regoli dwar l-ittikkettar ta' għalf li jkun fih l-addittivi, l-Artikolu 16 tad-Direttiva tal-Kunsill 70/524/KEE tat-23 ta' Novembru 1970 li tirrigwarda addittivi f'għalf għall-bhejjem<sup>(4)</sup>, li baqa' fis-seħħ wara t-tħassir tad-Direttiva 70/524/KEE permezz tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003, għandu jitħassar.
- (6) Għall-kuntrarju tad-definizzjoni ta' ikel, skont ir-Regolament (KE) Nru 178/2002, id-definizzjoni ta' għalf ma tinkludix l-ilma. Barra minn hekk, peress li l-ilma mhux kummerċjalizzat għal skopijiet ta' nutrizzjoni tal-annimali, dan ir-Regolament m'għandux jinkludi kondizzjonijiet għall-ilma użat fin-nutrizzjoni tal-annimali. Madankollu, hija għandha tapplika għall-għalf li jingħata permezz tal-ilma. L-użu tal-ilma min-negozji tal-għalf huwa kopert mir-Regolament (KE) Nru 183/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Jannar 2005 li jstabbilixxi l-ħtiġijiet għall-iġjene tal-għalf<sup>(5)</sup>, li jistipula li għandu jintuża ilma nadif kull meta meħtieġ biex tiġi evitata kontaminazzjoni perikoluża u li l-ilma użat fil-manifattura tal-għalf għandu jkun ta' kwalità xierqa.
- (7) Minħabba r-riskju ta' kontaminazzjoni tal-katina tal-għalf u tal-ikel, huwa xieraq li dan ir-Regolament japplika għall-għalf kemm tal-annimali li jipproduċu l-ikel u dawk li ma jipproduċux ikel, inklużi l-annimali selvaġġi.
- (8) Ir-responsabilitajiet tal-operaturi tan-negozju tal-għalf stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 178/2002 u r-Regolament (KE) Nru 183/2005 għandhom japplikaw, mutatis mutandis, fir-rigward tal-għalf għall-annimali li ma jipproduċux l-ikel.
- (9) Sabiex jinfurzaw il-konformità ma' dan ir-Regolament, l-Istati Membri għandhom iwettqu kontrolli uffiċjali skont ir-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kontrolli uffiċjali mwettqa biex tiġi żgurata l-verifikazzjoni tal-konformità mal-liġi tal-għalf u l-ikel, mas-

saħħa tal-annimali u mar-regoli dwar il-welfare tal-annimali<sup>(6)</sup>. Dawk il-kontrolli għandhom ikopru mhux biss id-dettalji tal-ittikkettar obligatorju iżda ukoll ta' dak volontarju. Sabiex ikun jista' jsir kontroll tad-data dwar il-kompożizzjoni, għandhom jiġu determinati tolleranzi permissibbli għall-valuri fuq it-tikketti.

- (10) Sabiex ikun jistgħu jiġu mmaniġġjati r-riskji ta' sikurezza tal-għalf, il-lista ta' materjali li t-tqegħid tagħhom fis-suq għal skopijiet ta' nutrizzjoni tal-annimali huwa pprobit, kif previst attwalment bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/217/KE<sup>(7)</sup>, flimkien ma' lista ta' materjali li t-tqegħid tagħhom fis-suq għal finijiet ta' nutrizzjoni tal-annimali hija ristretta, għandha tiġi inkluża f'Anness għal dan ir-Regolament. Madankollu, l-eżistenza ta' tali Anness m'għandhiex tkun interpretata li tfisser li l-prodotti kollha mhux elenkati jistgħu, b'dan il-mod, jitqiesu bħala sikuri.
- (11) Id-distinzjoni bejn materjali tal-għalf, l-addittivi tal-għalf u prodotti oħra bħall-mediċini veterinarji għandha implikazzjonijiet għall-kondizzjonijiet għat-tqegħid fis-suq ta' prodotti bħal dawn. Il-materjali tal-għalf huma primarjament użati għal-ħtiġijiet tal-annimali, per eżempju, għall-enerġija, in-nutrijenti, il-minerali jew il-fibri djetetiċi. Huma normalment ma jkunux definiti sew kimikament għajr għall-kostitwenti nutrizzjonali bażiċi. Effetti li jistgħu jkunu ġustifikati permezz ta' valutazzjoni xjentifika u li huma esklussivi għall-addittivi tal-għalf jew mediċini veterinarji għandhom jiġu esklużi mill-użijiet oġġettivi ta' materjali tal-għalf. Għalhekk, huwa xieraq li jiffasslu linji gwida li mhumiex vinkolanti għad-distinzjoni bejn dawn it-tipi ta' prodotti. F'każijiet debitament ġustifikati, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tiċċara jekk prodott ikunx jikkostitwixxi għalf għall-finijiet ta' dan ir-Regolament.
- (12) Id-definizzjoni ta' materjali tal-għalf komplementari fid-Direttiva 79/373/KEE ħolqot problemi ta' applikazzjoni f'diversi Stati Membri. Huwa xieraq li tiġi ċċarata d-distinzjoni bejn għalf komplementari u taħlitiet imħejjija minn qabel għall-finijiet tal-applikazzjoni korretta tar-Regolament (KE) Nru 183/2005.
- (13) Sabiex tkun possibbli applikazzjoni uniformi tal-leġiżlazzjoni, l-għalf komplementari m'għandux jinkludi addittivi ogħla minn ċertu livell. Madankollu, għalf konċentrat ħafna, bħal-licking buckets li fihom il-minerali, jistgħu jintużaw għat-tmigħ dirett jekk il-kompożizzjoni tisso-disfa l-għan nutrizzjonali partikolari fir-rigward tal-użu maħsub rilevanti. Il-kondizzjonijiet li jirregolaw l-użu ta' dan l-għalf irid jidher fuq it-tikketta sabiex ikun żgurat li r-regoli dwar il-kontenut tal-addittivi tal-għalf fir-razzjon ta' kuljum jiġi rrispettat.

<sup>(1)</sup> ĠU L 126, 13.5.1983, p. 23.

<sup>(2)</sup> ĠU L 126, 21.5.1980, p. 14.

<sup>(3)</sup> ĠU L 334, 31.12.1993, p. 17.

<sup>(4)</sup> ĠU L 270, 14.12.1970, p. 1.

<sup>(5)</sup> ĠU L 35, 8.2.2005, p. 1.

<sup>(6)</sup> ĠU L 165, 30.4.2004, p. 1.

<sup>(7)</sup> ĠU L 67, 5.3.2004, p. 31.

- (14) Id-Direttiva 82/471/KEE kienet immirata biex ittejjeb il-provvista ta' għalf użat bħala sors dirett u indirett ta' proteini fil-Komunità. Dik id-Direttiva teħtieġ proċedura ta' awtorizzazzjoni qabel it-tqegħid fis-suq fir-rigward tal-bijo-proteini kollha possibbli. Madankollu, kienu biss ftit ħafna l-awtorizzazzjonijiet ġodda li ngħataw s'issa, u n-nuqqas ta' għalf għoli fil-proteini għadu evidenti. Għalhekk, il-ħtieġa tal-awtorizzazzjoni ġenerali qabel it-tqegħid fis-suq instab li kienat projbittiva, u li minflok ir-riskji tas-saħħa jistgħu jiġu ttrattati permezz tal-projbizzjoni tal-prodotti riskjużi msejsa fuq is-sorveljanza tas-suq. Fil-każijiet fejn ir-riżultat tal-istima tar-riskju ta' bijo-proteina ikun negattiv, iċ-ċirkolazzjoni jew l-użu tagħha għandha tiġi projbita. Għalhekk, il-ħtieġa speċjali ta' proċedura ta' awtorizzazzjoni ta' qabel it-tqegħid fis-suq tal-bijo-proteini għandha tiġi abolita, bil-konsegwenza li s-sistema ta' sikurezza għal dawn il-prodotti tkun l-istess għall-materjali l-oħra kollha tal-għalf. Ir-restrizzjonijiet eżistenti jew il-projbizzjoni ta' ċerti bijo-proteini m'għandhomx ikunu affettwati.
- (15) Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 93/74/KEE implimentati bid-Direttiva 2008/38/KE tal-Kummissjoni tal-5 ta' Marzu 2008 li tistabbilixxi lista ta' użu intiż tal-materjali tal-għalf għall-annimali għal skopijiet partikolari nutrizzjonali <sup>(1)</sup> wrew li qed jaħdmu sew. Għaldaqstant, il-lista ta' użi maħsuba għandha tinżamm u għandhom isiru dispożizzjonijiet f'dan ir-Regolament għall-aġġornament tagħha. B'mod partikolari, l-Awtorità Ewropea għas-Sikurezza tal-lkel għandha tiġi kkonsultata dwar l-effikaċja u s-sikurezza ta' tali għalf meta, abbażi ta' informazzjoni xjentifika u teknoloġika disponibbli, ikun hemm raġunijiet li jindikaw li l-użu tal-għalf in kwistjoni jista' ma jilħaqx l-iskop nutrizzjonali partikolari maħsub jew jista' jkollu effetti ħżiena fuq is-saħħa tal-annimali, saħħet il-bniedem, l-ambjent jew it-trattament xieraq tal-annimali.
- (16) L-evidenza xjentifika għandha tkun fattur ewlieni li jrid jitqies fl-użu ta' dikjarazzjonijiet fir-rigward tal-għalf u l-operaturi tan-negozju tal-għalf li jużaw dawn id-dikjarazzjonijiet għandhom jiġġustifikawhom. Dikjarazzjoni tista' tkun ġustifikata xjentifikament billi titqies it-totalità tad-data xjentifika disponibbli, u billi titqies l-evidenza.
- (17) L-ittikkettar iservi għal finijiet ta' infurzar, traċċabilità u kontroll. Barra minn dan, it-tikkettar għandu jipprovdi l-informazzjoni meħtieġa lix-xerrejja sabiex ikunu jistgħu jagħmlu l-aħjar għażla għall-bżonnijiet tagħhom, u għandu jkun konsistenti, koerenti, trasparenti u li jinftehem. Billi x-xerrejja, b'mod partikolari l-bdiewa tal-annimali jagħmlu l-għażliet tagħhom mhux biss fil-punt tax-xiri fejn jistgħu jispezzjonaw il-pakketti tal-għalf, ir-rekwiżiti dwar l-informazzjoni tat-tikkettar għandhom japplikaw mhux biss għat-tikketti fuq il-prodott, iżda wkoll għal tipi oħra ta' komunikazzjoni bejn il-bejjiegħ u x-xerrej. Barra minn dan, daww il-prinċipji għandhom japplikaw ukoll għall-preżentazzjoni u r-reklamar tal-għalf.
- (18) L-ittikkettar jipprovdi informazzjoni obbligatorja u volontarja. L-informazzjoni obbligatorja għandha tgħaqqad ir-rekwiżiti ġenerali u speċifiċi tat-tikkettar għall-materjali tal-għalf jew għall-għalf kompost rispettivament, u rekwiżiti addizzjonali fil-każ ta' għalf djetetiku, materjal ikkontaminat u għalf għall-annimali domestiċi.
- (19) Il-qagħda attwali fir-rigward tal-impuritajiet kimiċi li jirriżultaw mill-proċess tal-manifattura ta' materjali għall-għalf u minn għajnuniet għall-ipproċessar mhijjex sodisfaċenti. Sabiex ikun żgurat livell għoli ta' sikurezza tal-għalf u b'hekk ukoll livell għoli ta' ħarsien tas-saħħa pubblika, u sabiex ittejjeb it-trasparenza, għandhom jiġu adottati dispożizzjonijiet dwar il-livelli aċċettabbli ta' dawn l-impuritajiet kimiċi skont il-prattika tajba kif imsemmi fir-Regolament (KE) Nru 183/2005.
- (20) Il-prinċipju eżistenti li ċertu addittivi tal-għalf biss għandhom jiġu ttikkettati la darba jintużaw fil-materjali tal-għalf u l-għalf kompost qed jaħdem sew. Madankollu, jeħtieġ li il-kategorizzazzjoni li tirriżulta mir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 tiġi aġġornata u modernizzata, ukoll minħabba l-fatt li partikolarment is-sidien tal-annimali domestiċi jistgħu jifkxli b'xi ttikkettar tal-addittivi.
- (21) B'konsegwenza tal-kriżijiet tal-enċefalopatija sponġiformi bovina (BSE) u d-dijossina, l-obbligu li jiġi indikat il-persentaġġ bil-piż tal-materjali tal-għalf kollha inkorporati fl-għalf kompost kien ġie introdott fl-2002 bid-Direttiva 2002/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 79/373/KEE dwar iċ-ċirkolazzjoni tal-għalf kompost <sup>(2)</sup> fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew. Barra minn hekk, il-livell ta' sikurezza fl-ikel u l-għalf tjeib b'mod sinifikanti b'riżultat tar-Regolamenti (KE) Nru 178/2002 u r-Regolament (KE) Nru 183/2005 u l-miżuri tal-implimentazzjoni tagħhom, b'mod partikolari b'riżultat tal-enfasi mqiegħda fuq ir-responsabbiltà tal-operaturi tan-negozju tal-għalf u l-ikel, is-sistema mtejba ta' traċċabilità, l-introduzzjoni tal-prinċipju tal-analiżi tar-riskju u l-punti kritiċi ta' kontroll (HACCP) fin-negozji tal-għalf u l-ħolqien ta' gwidi għal Prattiki tajba ta' iġjene fin-negozji tal-għalf. Fid-dawl ta' dawn il-kisbiet pożittivi, li jirriflettur ruħhom fin-notifiki tas-Sistema ta' Twissija Rapida għall-lkel u l-Għalf (RASFF), l-obbligu li jintwera l-persentaġġ bil-piż tal-materjali tal-għalf kollha inkorporati fl-għalf kompost fuq it-tikketta m'għadux meħtieġ għall-fini li jkun żgurat li jkun livell għoli ta' sikurezza tal-għalf u b'hekk livell għoli ta' ħarsien tas-saħħa pubblika. Il-persentaġġi eżatti jistgħu, madankollu, jingħataw fuq bażi volontarja bil-għan li tingħata informazzjoni adegwata lix-xerrejja. Barra minn hekk, minħabba li l-awtoritajiet kompetenti għandhom aċċess għall-informazzjoni dwar il-persentaġġi eżatti skont il-piż tal-materjali kollha tal-għalf inkorporati f'għalf kompost, huma għandhom ikunu jistgħu, għal raġunijiet ta' urġenza relatata mas-saħħa tal-bniedem jew tal-annimali jew mal-ambjent, u skont id-Direttiva 2004/48/KE tal-Parlament

<sup>(1)</sup> ĠU L 62, 6.3.2008, p. 9.<sup>(2)</sup> ĠU L 63, 6.3.2002, p. 23.



- Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 fuq l-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali<sup>(1)</sup>, li jipprovdu aktar informazzjoni lix-xerrejja.
- (22) Biex tkun żgurata informazzjoni xierqa lix-xerrej u biex jiġi evitat li jkun żgwidat, il-persentaġġ bil-piż eżatt għandu, madankollu, ikun meħtieġ f'dawk il-każijiet fejn il-materjal tal-għalf in kwistjoni ikun enfasizzat fuq it-tikkettar tal-għalf kompost.
- (23) Madankollu, it-turija tal-materjali tal-għalf inkorporati fl-għalf kompost f'ordni mill-itqal għall-iħfef diġà tippovdi informazzjoni importanti dwar id-data tal-kompożizzjoni. F'ċerti oqsma fejn il-produttur mhuwiex obligat li jniżżel dettalji fuq it-tikketta, ix-xerrej għandu jkollu l-possibbiltà li jitlob aktar informazzjoni. F'każijiet bħal dawn, għandu jinżamm marġni ta' ± 15 % tal-valur iddikjarat.
- (24) Id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali tal-produtturi għandhom jitħarsu. Għall-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, għandha tapplika d-Direttiva 2004/48/KE. Għandu jiġi rikonoxxut ukoll li l-kompożizzjoni kwantitattiva tal-għalf kompost, għall-kuntrarju tal-ismijiet tal-materjali tal-għalf li jinsabu fiha, tista', taħt ċerti kondizzjonijiet, titqies bħala informazzjoni kunfidenzjali li għandha titihares.
- (25) Id-Direttiva 2002/32/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Mejju 2002 dwar sustanzi mhux mixtieqa fl-għalf tal-annimali<sup>(2)</sup> ma tapplikax għat-tikkettar ta' għalf b'livelli eċċessivi ta' sustanzi mhux mixtieqa. Għaldaqstant, għandhom jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet sabiex jiġi żgurat li jkun hemm tikkettar adegwat u implimentazzjoni sewwa tal-projbizzjoni fuq id-diluzzjoni prevista fl-Artikolu 5 tad-Direttiva, sakemm dawn il-materjali kkontaminati jiġu de-tossifikati minn stabbiliment għad-de-tossifikazzjoni, approvat f'konformità mal-Artikolu 10(2) jew (3) tar-Regolament (KE) Nru 183/2005, jew sakemm jitnaddfu.
- (26) Derogi mir-rekwiżiti ġenerali tat-tikkettar għandhom jiġu previsti sakemm l-applikazzjoni ta' dawk ir-rekwiżiti ma tkunx meħtieġa għall-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem jew l-annimali jew l-interessi tal-konsumatur u tkun ta' piż żejjed għall-produttur jew għall-operaturi tan-negozju tal-għalf responsabbli għat-tikkettar. Abbażi tal-esperjenza, tali derogi għandhom ikunu previsti, b'mod partikolari fir-rigward ta' għalf ikkonsenjat minn bidwi għal ieħor għall-użu fir-razzett tiegħu, għal kwantitajiet żgħar, għal għalf kompost mhux magħmul minn aktar minn tliet materjali tal-għalf u għal taħlitiet ta' qmuħ mill-pjanta sħiħa, żrieragħ u frott.
- (27) Bħala regola ġenerali, għalf kompost għandu jiġi kkummerċjalizzat f'kontenituri ssiġillati, iżda derogi xierqa għandhom jiġu previsti sakemm l-applikazzjoni ta' din il-ħtieġa ma tkunx meħtieġa biex titihares is-saħħa tal-bniedem jew tal-annimal jew interessi tal-konsumatur u tirrappreżenta piż eċċessiv għall-operaturi tan-negozju tal-għalf.
- (28) Il-Parti B tal-Anness tad-Direttiva 96/25/KE u l-kolonna 2 sa 4 tal-Anness għad-Direttiva 82/471/KEE fihom listi ta' deżinjazzjonijiet, deskrizzjonijiet u dispożizzjonijiet għat-tikkettar għal ċerti materjali tal-għalf. Dawk il-listi jiffaċilitaw l-iskambju ta' informazzjoni dwar il-karatteristiċi tal-prodott bejn il-produttur u x-xerrej. L-esperjenza tal-involvement tal-partijiet interessati biex jiġu ffixxati standards volontarji permezz ta' linji gwida Komunitarji fil-qasam tal-iġjene tal-għalf kienet dejjem pożittiva. L-elenkar aktar estensiv mill-partijiet interessati seta' jkun aktar flessibbli, u addattat aħjar għar-rekwiżiti tal-informazzjoni għall-utent milli kieku sar mil-leġiżlatur. Il-partijiet interessati jistgħu jiddeċiedu dwar l-isforzi ddedikati skont l-importanza tal-lista tal-materjal tal-għalf partikolari. Jidher, għalhekk, li jkun mixtieq li jiġi stabbilit Katalogu mhux eżawrjenti ta' materjali tal-għalf li għandhom jintużaw mill-operaturi tan-negozju tal-għalf fuq bażi volontarja, ħlief fir-rigward tal-użu tal-isem tal-materjal tal-għalf.
- (29) Il-listi attwali ta' materjali tal-għalf li jinsabu fil-Parti B tal-Anness għad-Direttiva 96/25/KE u l-kolonna 2 sa 4 tal-Anness għad-Direttiva 82/471/KEE għandhom jikkostitwixxu l-verżjoni inizjali tal-Katalogu Komunitarju ta' materjali tal-għalf. Din il-verżjoni inizjali għandha sussegwentement tiġi ssupplimentata mill-partijiet interessati skont l-interessi tagħhom, inkluż biż-żieda ta' materjali tal-għalf emerġenti.
- (30) Fl-interess tat-trasparenza, huwa xieraq li materjal tal-għalf li ma jkunx imniżżel fil-katalogu jiġi mgħarraf lir-rappreżentanti tal-partijiet interessati hekk kif dan il-materjal tal-għalf jitqiegħed għall-ewwel darba fis-suq.
- (31) It-tikkettar modern jiffaċilita ambjent kompetittiv tas-suq li fih l-operaturi dinamiċi, effiċjenti u innovattivi jistgħu jagħmlu użu sħiħ mit-tikkettar biex ibiegħu l-prodotti tagħhom. B'konsiderazzjoni kemm tar-relazzjoni bejn in-negozji fil-kummerċjalizzazzjoni tal-għalf għall-bhejjem u kemm dik bejn il-produttur u x-xerrej tal-ikel tal-annimali domestiċi, Kodiċijiet ta' tikkettar tajjeb għal dawn iż-żewġ oqsma jista' jkun mezz utli biex jintlaħqu l-għanijiet ta' tikkettar modern. Il-kodiċijiet għandhom jistabbilixxu dispożizzjonijiet li jippermettu lix-xerrej jagħmel għażliet infurmati. Huma għandhom jagħtu wkoll lill-persuna responsabbli tat-tikkettar gwida importanti dwar elementi differenti tat-tikkettar. Huma jistgħu jassistu fl-interpretazzjoni tal-qafas għat-tikkettar

(1) ĠU L 157, 30.4.2004, p. 45.

(2) ĠU L 140, 30.5.2002, p. 10.

volontarju jew il-preżentazzjoni ta' tikkettar obligatorju. Il-kodiċijiet għandhom jintużaw fuq bażi volontarja, ħlief f'każijiet fejn l-użu tal-Kodiċi jkun indikat fuq it-tikkettar.

- (32) L-involviment tal-partijiet kollha interessati huwa l-element kruċjali biex tiġi żgurata l-kwalità u l-adegwatezza tal-Katalogu u l-Kodiċijiet għal tikkettar tajjeb. Sabiex jittejjbu d-drittijiet tal-utenti għal informazzjoni xierqa, l-interessi tagħhom għandu jittqiesu. Dan jista' jiġi żgurat billi l-Kummissjoni tapprova l-Katalogu u l-Kodiċijiet, bil-kondizzjoni li l-kontenut tagħhom ikun prattikabbli u li jkunu adatti sabiex jintlaħqu l-għanijiet ta' dan ir-Regolament.
- (33) L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu penali li japplikaw għall-ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li jiġu implimentati. Dawn il-penali għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.
- (34) Jinħtieġ perijodu ta' tranżizzjoni b'mod partikolari fir-rigward ta' għalf li jissodisfa għan nutrizzjonali partikolari u fir-rigward tal-livell aċċettabbli ta' impuritajiet kimiċi li jirriżultaw mill-proċess ta' manifattura u min għajnuniet għall-ipproċessar. Il-kummerċjalizzazzjoni ta' provvisti eżistenti għandu wkoll jiġi permess sakemm dawn jispiċċaw. Barra minn hekk, jista' jkun xieraq li jkunu speċifikati l-kondizzjonijiet li taħtom l-għalf jista' jingħata tikketta skont dan ir-Regolament qabel id-data tal-applikazzjoni tiegħu.
- (35) Ladarba l-għan ta' dan ir-Regolament, jiġifieri l-armonizzazzjoni tal-kondizzjonijiet għat-tqegħid fis-suq u l-użu tal-għalf, sabiex jiġi żgurat livell għoli ta' sikurezza tal-ikel u għaldaqstant livell għoli ta' ħarsien tas-saħħa pubblika kif ukoll li tiġi pprovduta informazzjoni adegwata lill-utenti u l-konsumaturi u li jissaħħaħ il-funzjonament effikaċi tas-suq intern, ma jistax jintlaħaq b'mod sodisfaċjenti mill-Istati Membri u jista' għalhekk jintlaħaq aħjar fil-livell Komunitarju, il-Komunità tista' tadotta miżuri, skont il-prinċipji tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħaq dak il-għan.
- (36) Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu adottati skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tistabbilixxi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat tal-implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni<sup>(1)</sup>.
- (37) B'mod partikolari, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa biex temenda l-lista ta' materjali ristretti jew projbiti għall-użu bħala għalf, biex tawtorizza għalf maħsub għal finijiet ta' nutrizzjoni partikolari, biex tistabbilixxi lista ta' kategoriji ta' tikkettar ta' materjali tal-għalf tal-annimali li ma jipproduċux ikel ħlief annimali tal-pil, biex tadotta emendi għall-Katalogu li jiffissaw l-ogħla

kontenut ta' impuritajiet kimiċi jew livelli ta' purità botanika jew il-livelli ta' kontenut ta' umdità, jew dettalji li jissostitwixxu d-dikjarazzjoni obligatorja, biex tadatta l-Annessi fid-dawl ta' żviluppi xjentifiċi u teknoloġiċi u biex tadotta miżuri tranżizzjonali. Billi daww il-miżuri huma ta' kamp ta' applikazzjoni ġenerali u huma mfassla biex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, inter alia, billi jissupplimentawh b'elementi ġodda mhux essenzjali, huma għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju prevista fl-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.

- (38) Minħabba raġunijiet ta' effiċjenza, il-limiti ta' żmien normali għall-proċedura regolatorja bi skrutinju għandhom jittqassu għall-adozzjoni tal-aġġornamenti tal-listi ta' użi maħsuba. Meta, għal raġunijiet ta' urġenza imminenti, ma jistgħux jiġu rrispettati l-perijodi ta' żmien normalment applikabbli fil-qafas tal-proċedura regolatorja bi skrutinju, il-Kummissjoni għandha tkun tista' tapplika l-proċedura ta' urġenza prevista fl-Artikolu 5a(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għall-adozzjoni ta' emendi għall-lista ta' materjali li t-tqegħid fis-suq jew l-użu tagħhom għal finijiet ta' nutrizzjoni tal-annimali, huma ristretti jew projbiti.
- (39) L-Artikolu 16 tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003 jistabbilixxi dispożizzjonijiet għat-tikkettar u l-imballaġġ tal-addittivi tal-għalf u ta' taħlitiet imħejjija minn qabel. L-implimentazzjoni tar-regoli li jikkonċernaw it-taħlitiet imħejjija minn qabel, b'mod partikolari kkawżat problemi prattiki għall-industrija u l-awtoritajiet kompetenti. Sabiex jippermettu tikkettar aktar konsistenti ta' taħlitiet imħejjija minn qabel, dak l-Artikolu għandu jiġi emendat,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

## KAPITOLU 1

### DISPOŻIZZJONIJET INTRODUTTORJI

#### Artikolu 1

#### Għan

L-għan ta' dan ir-Regolament, skont il-prinċipji ġenerali stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 178/2002, huwa li jarmonizza l-kondizzjonijiet għat-tqegħid fis-suq u l-użu ta' għalf, sabiex jiġi żgurat livell għoli ta' sikurezza tal-għalf u għaldaqstant livell għoli ta' ħarsien tas-saħħa pubblika, kif ukoll biex tiġi pprovduta informazzjoni adegwata lill-utenti u l-konsumaturi u biex jissaħħaħ il-funzjonament effikaċi tas-suq intern.

#### Artikolu 2

#### Kamp ta' applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-għalf fil-Komunità kemm għall-annimali li jipproduċu l-ikel kif ukoll daww li ma jipproduċux l-ikel, inklużi r-rekwiżiti għat-tikkettar, l-imballaġġ u l-preżentazzjoni.

(<sup>1</sup>) ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23.

2. Dan ir-Regolament għandu japplika bla ħsara għad-dispożizzjonijiet l-oħra tal-Komunità applikabbli fil-qasam tan-nutrizzjoni tal-annimali, b'mod partikolari:

- (a) id-Direttiva 90/167/KEE;
- (b) id-Direttiva 2002/32/KE;
- (c) ir-Regolament (KE) Nru 999/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2001 li jstabbilixxi regoli għall-prevenzjoni, kontroll u eradikazzjoni ta' ċerti enċefalopatiji sponġiformi li jinxteru (1);
- (d) ir-Regolament (KE) Nru 1774/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' Ottubru 2002 li jippreskrivi regoli tas-saħħa li jirrigwardaw prodotti sekondarji tal-annimali mhux maħsuba għall-konsum uman (2);
- (e) ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 Settembru 2003 dwar ikel u għalf modifikat ġenetikament (3);
- (f) ir-Regolament (KE) Nru 1830/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 dwar it-traċċabilità u t-tikkettar ta' organiżmi modifikati ġenetikament u t-traċċabilità ta' prodotti tal-ikel u għalf manifatturati minn organiżmi modifikati ġenetikament (4);
- (g) ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003; u
- (h) ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 tat-28 ta' Ġunju 2007 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi (5).

3. Dan ir-Regolament m'għandux japplika għall-ilma, kemm jekk jingħata direttament lill-annimali u kemm jekk jiddaħħal intenzjonalment fl-għalf. Għandu madankollu, japplika għall-għalf maħsub biex jingħata lill-annimali fl-ilma.

### Artikolu 3

#### Definizzjonijiet

1. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (a) id-definizzjonijiet ta' "għalf", "negożju tal-għalf", u "tqegħid fis-suq" kif stabbilit fir-Regolament (KE) Nru 178/2002;
- (b) id-definizzjonijiet ta' "addittiv tal-għalf", "taħlitiet imħejjija minn qabel", "għajnuniet ta' pproċessar" u "razzjon ta' kuljum" kif stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1831/2003; u

(c) id-definizzjonijiet ta' "stabbiliment" u "awtorità kompetenti" kif stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 183/2005.

2. Id-definizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw ukoll:

- (a) "operatur fin-negożju tal-għalf" tfisser persuna fiżika jew ġuridika responsabbli biex tiżgura li r-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament jintlaħqu fin-negożju tal-għalf taħt il-kontroll tagħhom;
- (b) "alimentazzjoni tal-annimali mill-ħalq" tfisser l-introduzzjoni ta' għalf fil-passaġġ gastrointestinali tal-annimal mill-ħalq bil-għan li jintlaħqu l-ħtiġijiet nutrizzjonali tal-annimal u/jew tinżamm il-produttività ta' annimali normalment b'saħħithom;
- (c) "annimal li jipproduċi l-ikel" tfisser kull animal mitmugħ, imrobbi jew li jinżamm għall-produzzjoni tal-ikel għall-konsum mill-bniedem inklużi annimali li mhumiex użati għall-konsum mill-bniedem, iżda li huma ta' speċi li normalment tintuża għall-konsum mill-bniedem fil-Komunità;
- (d) "annimali li ma jipproduċux l-ikel" tfisser kwalunkwe animal mitmugħ, imrobbi jew li jinżamm iżda li mhumiex użat għall-konsum mill-bniedem, bħal annimali tal-pil, annimali domestiċi u annimali miżmuma fil-laboratorji, zoos u ċirkli;
- (e) "annimali tal-pil" tfisser kwalunkwe animal li ma jipproduċix l-ikel mitmugħ, imrobbi jew miżmum għall-produzzjoni tal-pil, u mhux użat għall-konsum mill-bniedem;
- (f) "annimal domestiku" tfisser kwalunkwe animal li ma jipproduċix l-ikel li huwa ta' speċi mitmugħ, imrobbija jew miżmuma, iżda li normalment mhuwiex użat għall-konsum mill-bniedem fil-Komunità;
- (g) "materjali tal-għalf" tfisser prodotti li joriġinaw mill-ħxejjex jew l-annimali, li l-għan prinċipali tagħhom huwa li jissodisfaw il-ħtiġijiet ta' nutrizzjoni tal-annimali, fl-istat naturali tagħhom, friski jew ippriżervati, u prodotti li ġejjin mill-ipproċessar industrijali tiegħu, u sustanzi organiċi u inorganiċi, kemm jekk fihom addittivi tal-għalf u kemm jekk le, li huma maħsuba għall-użu bħala għalf mitmugħ lill-annimali mill-ħalq jew direttament bħala tali jew wara l-ipproċessar, jew fil-preparazzjoni tal-għalf kompost, jew bħala ġarriera ta' taħlitiet imħejjija minn qabel;
- (h) "għalf kompost" tfisser taħlita ta' mill-anqas żewġ materjali tal-għalf, kemm jekk fih addittivi tal-għalf u kemm jekk le, għat-tmigħ f'forma ta' għalf komplet jew komplementari;
- (i) "għalf komplet" tfisser għalf kompost li, permezz tal-kompożizzjoni tiegħu, huwa biżżejjed bħala razzjoni ta' kuljum;

(1) ĠU L 147, 31.5.2001, p. 1.

(2) ĠU L 273, 10.10.2002, p. 1.

(3) ĠU L 268, 18.10.2003, p. 1.

(4) ĠU L 268, 18.10.2003, p. 24.

(5) ĠU L 189, 20.7.2007, p. 1.



- (j) “għalf komplementari” tfisser għalf kompost li għandu kontenut għoli ta’ ċerti sustanzi iżda li, minħabba l-kompożizzjoni tiegħu, huwa suffiċjenti bħala razzjon ta’ kuljum biss jekk jintuża flimkien ma’ għalf ieħor;
- (k) “għalf minerali” tfisser għalf komplementari li fih tal-inqas 40 % rmied mhux raffinat;
- (l) “sostitut tal-ħalib” tfisser għalf kompost amministrat fforma niexfa jew wara li jinħall fi kwantità partikolari ta’ likwidu għat-tmigħ ta’ annimali żgħar bħala żieda, jew sostitut għall-ħalib post-kolostrali jew għat-tmigħ ta’ annimali żgħar bħal għoġiela, ħrief jew gidien maħsuba għall-qatla;
- (m) “għarrier” tfisser sustanza użata biex tħoll, tnaqqas il-konċentrazzjoni jew xort’oħra timmodifika fiżikament addittiv tal-għalf sabiex tiffaċilita l-immanniġġar, l-applikazzjoni jew l-użu tiegħu mingħajr ma tibdel il-funzjoni teknoloġika tiegħu u mingħajr ma toħloq l-ebda effett teknoloġiku hija nfisha;
- (n) “skop ta’ nutrizzjoni partikolari” tfisser l-għan li jkunu sodisfatti l-ħtiġijiet speċifiċi ta’ nutrizzjoni tal-annimali li l-proċess ta’ assimilazzjoni, assorbiment jew metaboliżmu tagħhom ikun, jew jista’ jiġi, temporanjament jew b’mod irriversibbli danneġġjat u li għalhekk jistgħu jibbenefikaw mit-teħid ta’ għalf xieraq għall-kondizzjoni tagħhom;
- (o) “għalf maħsub għal skopijiet ta’ nutrizzjoni partikolari” tfisser għalf li jista’ jissodisfa scop ta’ nutrizzjoni partikolari permezz tal-kompożizzjoni partikolari jew il-metodu ta’ manifattura tiegħu, li jiddistingwih b’mod ċar mill-għalf ordinarju. L-għalf maħsub għal skopijiet ta’ nutrizzjoni partikolari ma jinkludix materjali tal-għalf medikati fit-tifsira tad-Direttiva 90/167/KEE;
- (p) “materjali kkontaminati” tfisser għalf li fih livell ta’ sustanzi mhux mixtieqa aktar għoli minn dak tollerat taħt id-Direttiva 2002/32/KE;
- (q) “skadenza minima ta’ ħażna” tfisser iż-żmien li waqtu, taħt kondizzjonijiet ta’ ħażna xierqa, il-persuna responsabbli għat-tikkettar tiggarantixxi li l-għalf iżomm il-karatteristiċi ddikjarati tiegħu; skadenza minima ta’ ħażna waħda biss tista’ tkun indikata fir-rigward tal-għalf fl-intier tiegħu, u hija ddeterminata fuq il-bażi tal-iskadenza minima ta’ ħażna ta’ kull wieħed mill-komponenti tiegħu;
- (r) “kunsinna” jew “lott” tfisser kwantità identifikabbli ta’ għalf li ġiet iddikjarata li għandha karatteristiċi komuni, bħal ma huma l-orijini, il-varjeta, it-tip ta’ mballaġġ, minn ippakkjaha, il-konsenjatur jew it-tikkettar, u fil-każ ta’ proċess tal-produzzjoni, unità ta’ produzzjoni minn impjant wieħed bl-użu ta’ parametri tal-produzzjoni uniformi jew numru ta’ tali unitajiet, meta jkunu prodotti f’ordni kontinwu u maħżuna flimkien;
- (s) “tikkettar” tfisser attribuzzjoni ta’ kwalunkwe kliem, dettalji, marki tal-kummerċ, isem tal-marka, materjal jew simbolu grafiku għall-għalf billi tali informazzjoni titqiegħed fuq kwalunkwe mezz b’referenza għal dan l-għalf jew bħala akkumpanjament għalih bħal imballaġġ, kontenitur, avviż, tikketta, dokument, ċurkett, kullar jew fuq l-Internet, inkluż għal finijiet ta’ reklamar;
- (t) “tikketta” tfisser kull tabella, marka, materjal grafiku jew materjal deskrittiv ieħor, miktub, stampat, stensiljat, immarkat, imbuzzat, imprimat fuq, jew meħmuż mal-imballaġġ jew mal-kontenitur tal-għalf; u
- (u) “preżentazzjoni” tfisser l-għamla, l-apparenza jew l-imballaġġ u l-materjali tal-imballaġġ użati għall-għalf, apparti mill-mod li bih ikun irranġat u muri.

## KAPITOLU 2

## REKWIŻITI ĠENERALI

## Artikolu 4

**Rekwiżiti ta’ sikurezza u ta’ kummerċjalizzazzjoni**

1. L-għalf jista’ jitqiegħed fis-suq u użat biss jekk:

- (a) ikun sikur; u
- (b) ma jkollux effett dirett negattiv fuq l-ambjent jew it-trattament xieraq tal-annimali.

Ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 għandhom japplikaw, mutatis mutandis, għall-għalf tal-annimali li ma jipproduċux l-ikel.

2. Barra mir-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 1 ta’ dan l-Artikolu, l-operaturi fin-negożju tal-għalf li jqiegħdu l-għalf fis-suq għandhom jiżguraw li l-għalf:

- (a) ikun tajjeb, ġenwin, mhux imħallat, tajjeb għall-iskop maħsub u ta’ kwalità tajba għall-bejgħ; u
- (b) ikun ittikkettat, imballat u ppreżentat skont id-dispożizzjonijiet stabbiliti f’dan ir-Regolament u f’leġislazzjoni oħra Komunitarja applikabbli.

Ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 16 tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 għandhom japplikaw, mutatis mutandis, għall-għalf ta’ annimali li ma jipproduċux l-ikel.

3. L-għalf għandu jkun konformi mad-dispożizzjonijiet tekniċi dwar l-impuritajiet u determinanti kimiċi oħra stabbiliti fl-Anness I għal dan ir-Regolament.

#### Artikolu 5

##### Responsabilitajiet u obbligi tan-negozji tal-għalf

1. L-operaturi fin-negozju tal-għalf għandhom jikkonformaw, mutatis mutandis, mal-obbligi stabbiliti fl-Artikoli 18 u 20 tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 u l-Artikolu 4(1) tar-Regolament (KE) Nru 183/2005 fir-rigward tal-għalf għall-annimali li ma jipproduċux l-ikel.

2. Il-persuna responsabbli mit-tikkettar tal-għalf għandha tagħmel disponibbli lill-awtoritajiet kompetenti kwalunkwe informazzjoni dwar il-kompożizzjoni jew il-karatteristiċi ddikjarati tal-għalf li din il-persuna tqiegħed fis-suq, li tippermetti li tiġi vverifikata l-informazzjoni mogħtija fit-tikketta, inklużi l-persentaġġi eżatti bil-piż tal-materjali tal-għalf użati fl-għalf kompost.

3. Fil-każ ta' kwalunkwe urġenza relatata mas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali jew mal-ambjent u bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2004/48/KE, l-awtorità kompetenti tista' tagħti lix-xerrej l-informazzjoni li tkun disponibbli għaliha taħt il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, bil-kondizzjoni li, wara li jiġu bbilanċjati l-interessi leġittimi rispettivi tal-manifatturi u tax-xerrejja, hija tikkonkludi li l-għoti ta' din l-informazzjoni jkun iġġustifikat. Jekk ikun il-każ, l-awtorità kompetenti għandha tagħti din l-informazzjoni bil-kondizzjoni li x-xerrej jiffirma klawwsola ta' kunfidenzjalità.

#### Artikolu 6

##### Restrizzjoni u projbizzjoni

1. L-għalf m'għandux ikun fih jew ikun jikkonsisti minn materjali li t-tqegħid fis-suq jew l-użu tagħhom għal skopijiet ta' nutrizzjoni tal-annimali ikun ristrett jew ipprojbit. Il-lista ta' dawn il-materjali hija stabbilita fl-Anness III.

2. Il-Kummissjoni għandha temenda l-lista ta' materjali li t-tqegħid fis-suq jew l-użu tagħhom għal finijiet ta' nutrizzjoni tal-annimali jkun ristrett jew ipprojbit b'kont meħud b'mod partikolari tal-evidenza xjentifika, il-progress teknoloġiku, in-notifiki skont is-Sistema ta' Twissija Rapida għall-Ikel u l-Għalf (RASFF) jew ir-riżultati ta' kontrolli uffiċjali skont ir-Regolament (KE) Nru 882/2004.

Dawk il-miżuri, imfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, billi jissupplimentawh għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 28(4).

Minħabba raġunijiet ta' urġenza imminenti, il-Kummissjoni tista' tirrikorri għall-proċedura ta' urġenza msemmija fl-Artikolu 28(5) bil-ħsieb li jiġu adottati dawk il-miżuri.

#### KAPITOLU 3

##### TQEGĦID FIS-SUQ TA' TIPI SPEĊIFIĊI TA' GĦALF

#### Artikolu 7

##### Karatteristiċi ta' tipi ta' għalf

1. Skont il-proċedura regolatorja msemmija fl-Artikolu 28(3), il-Kummissjoni tista' tadotta linji gwida li jiċċaraw id-distinzjoni bejn materjali tal-għalf, addittivi tal-għalf u prodotti oħrajn bħall-mediċini veterinarji.

2. Il-Kummissjoni tista', fejn ikun meħtieġ, tadotta miżuri sabiex tiċċara jekk prodott partikolari jikkostitwixxix għalf għall-finijiet ta' dan ir-Regolament.

Dawk il-miżuri, imfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, billi jissupplimentawh, għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 28(4).

#### Artikolu 8

##### Kontenut ta' addittivi tal-għalf

1. Bla ħsara għall-kondizzjonijiet tal-użu previsti fl-att legali rilevanti li jawtorizza l-addittiv tal-għalf rispettiv, il-materjali tal-għalf u l-għalf komplementari m'għandux ikun fihom addittivi tal-għalf inkorporati fl-ivell li jisbqu 100 darba l-kontenut massimu ffixsat rilevanti fl-għalf komplet jew ħames darbiet f'każ ta' koċċidjostati u histomonostati.

2. Il-livell ta' 100 darba l-kontenut massimu ffixsat rilevanti fl-għalf komplet imsemmi fil-paragrafu 1 jista' jinqabeż biss jekk il-kompożizzjoni tal-prodotti kkonċernati tissodisfa l-iskop ta' nutrizzjoni partikolari fir-rigward tal-użu rilevanti maħsub skont l-Artikolu 10 ta' dan ir-Regolament. Il-kondizzjonijiet għall-użu ta' dan l-għalf jistgħu jiġu speċifikati aktar fil-lista tal-użijiet maħsuba. L-istabbiliment taħt il-kontroll ta' produttur ta' dan l-għalf li juża l-addittivi ta' għalf imsemmija fil-Kapitolu 2 tal-Anness IV għar-Regolament (KE) Nru 183/2005 irid jiġi approvat skont il-punt 1(b) tal-Artikolu 10(b) ta' dak ir-Regolament.

#### Artikolu 9

##### Kummerċjalizzazzjoni ta' għalf maħsub għal skopijiet ta' nutrizzjoni partikolari

L-għalf maħsub għal skopijiet ta' nutrizzjoni partikolari jista' jiġi kkummerċjalizzat biss bħala tali jekk l-użu maħsub tiegħu huwa inkluż fil-lista ta' użi maħsuba stabbilita f'konformità mal-Artikolu 10 u jekk jissodisfa l-karatteristiċi nutrizzjonali essenzjali għall-iskop nutrizzjonali partikolari rispettiv stabbilit f'dik il-lista.

#### Artikolu 10

##### Lista ta' użijiet maħsuba ta' għalf maħsub għal skopijiet ta' nutrizzjoni partikolari

1. Il-Kummissjoni tista' taġġorna l-lista ta' użijiet maħsuba, kif stabbilit fid-Direttiva 2008/38/KE billi żżid użu maħsub,

tirtira użu intiż jew billi żżid, tneħħi jew tbiddel il-kondizzjonijiet assoċjati ma' użu maħsub partikolari.

2. Il-proċedura għall-aġġornar tal-lista ta' użi maħsuba tista' tinbeda bil-preżentazzjoni lill-Kummissjoni ta' applikazzjoni minn persuna fiżika jew ġuridika stabbilita fil-Komunità jew minn Stat Membru. Applikazzjoni valida għandha tinkludi dossier li juri li l-kompożizzjoni speċifika tal-għalf tilħaq l-iskop nutrizzjonali partikolari maħsub u li ma jkollu l-ebda effett negattiv fuq is-saħħa tal-annimali, saħħet il-bniedem, l-ambjent u t-trattament xieraq tal-annimali.

3. Il-Kummissjoni għandha tagħmel disponibbli l-applikazzjoni inkluż id-dossier lill-Istati Membri mingħajr dewmien.

4. Jekk, fuq il-bażi tal-informazzjoni xjentifika u teknika disponibbli, il-Kummissjoni jkollha raġunijiet biex temmen li l-użu tal-għalf speċifiku jista' ma jilħaqx l-iskop nutrizzjonali partikolari maħsub jew jista' jkollu effetti negattivi fuq is-saħħa tal-annimali, saħħet il-bniedem, l-ambjent jew it-trattament xieraq tal-annimali, il-Kummissjoni għandha, fi żmien tliet xhur minn meta tirċievi applikazzjoni valida, titlob opinjoni mill-Awtorità Ewropea għas-Sikurezza tal-Ikel (minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Awtorità"). L-Awtorità għandha tagħti opinjoni fi żmien sitt xhur minn meta tirċievi t-talba. Dan il-limitu ta' żmien għandu jiġi estiż kull meta l-Awtorità titlob informazzjoni supplementari mill-applikant.

5. Fi żmien sitt xhur minn meta tirċievi applikazzjoni valida jew, fejn ikun il-każ, wara li tirċievi l-opinjoni tal-Awtorità, il-Kummissjoni għandha tadotta Regolament li jaġġorna l-lista ta' użijiet maħsuba jekk il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 2 jiġu sodisfatti.

Dawk il-miżuri, imfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, billi jissupplimentawh, għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 28(6).

6. B'deroga mill-paragrafu 5, fi żmien sitt xhur minn meta tirċievi applikazzjoni valida jew, fejn xieraq, wara li tkun irċeviet l-opinjoni tal-Awtorità, il-Kummissjoni għandha ttejjem il-proċedura u tiddeċiedi li ma tipproċedix bl-aġġornament, fi kwalunkwe stadju tal-proċedura, jekk tikkunsidra li tali aġġornament ma jkunx ġustifikat. Il-Kummissjoni għandha tagħmel dan skont il-proċedura regolatorja msemmija fl-Artikolu 28(3).

F'każijiet bħal dawn, fejn applikabbi, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-applikant u lill-Istati Membri direttament, billi tindika fl-ittra tagħha r-raġunijiet għaliex hija ma tikkunsidrax l-aġġornament ġustifikat.

7. Il-Kummissjoni tista', skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 28(3), tadotta miżuri implimen-

tattivi li jikkonċernaw it-tnejn u l-preżentazzjoni tal-applikazzjoni.

## KAPITOLU 4

### TIKKETTAR, PREŻENTAZZJONI U MBALLAĠĠ

#### Artikolu 11

#### Prinċipji għat-tikkettar u l-preżentazzjoni

1. It-tikkettar u l-preżentazzjoni tal-għalf m'għandhomx jiżgwidaw lill-utent, b'mod partikolari:

- fir-rigward tal-użijiet maħsuba u l-karatteristiċi tal-għalf, b'mod partikolari, in-natura, il-metodu tal-manifattura jew produzzjoni, il-karatteristiċi, il-kompożizzjoni, il-kwantità, id-durabilità, l-ispeċi jew il-kategoriji tal-annimali li għalihom huwa maħsub,
- billi jattribwixxi effetti jew karatteristiċi li l-għalf m'għandux jew billi jissuġġerixxi li għandu karatteristiċi speċjali meta fil-fatt kull għalf simili jkollu tali karatteristiċi, jew
- fir-rigward tal-konformità tat-tikkettar mal-Katalogu tal-Komunità u l-Kodiċijiet tal-Komunità msemmija fl-Artikoli 24 u 25.

2. Il-materjali tal-għalf kompost u l-għalf kompost ikkummerċjalizzati bil-kwalità jew f'paketti jew kontenituri mhux issiġillati skont l-Artikolu 23(2) għandhom ikunu akkumpanjati minn dokument li fih id-dettalji tat-tikkettar obligatorju kollha meħtieġa taħt dan ir-Regolament.

3. Fejn l-għalf jiġi offrut għall-bejgħ permezz ta' komunikazzjoni distanti kif definit fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 97/7/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 1997 dwar il-protezzjoni tal-konsumaturi fir-rigward ta' kuntratti li jsiru mill-bogħod<sup>(1)</sup>, id-dettalji tat-tikkettar obligatorji meħtieġa minn dan ir-Regolament, ħliet għad-dettalji previsti fl-Artikoli 15 (b), (d), (e), u 16 (2) (c) jew 17(1)(d), għandhom jidhru fuq il-materjal li jappoġġa l-bejgħ mill-bogħod jew jingħataw permezz ta' mezzi oħra xierqa qabel il-konklużjoni ta' kuntratt mill-bogħod. Id-dettalji msemmija fl-Artikoli 15(b), (d), (e), u 16(2)(c) jew 17(1)(d) għandhom jingħataw mhux aktar tard mill-mument tal-kunsinna tal-għalf.

4. Dispożizzjonijiet ta' tikkettar minbarra dawk stabbiliti f'dan il-Kapitolu huma stabbiliti fl-Anness II.

5. It-tolleranzi permessi għad-diskrepanzi bejn il-valuri kompożizzjonali ta' materjal tal-għalf jew l-għalf kompost murija fit-tikketta u l-valuri analizzati fil-kontrolli uffiċjali f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 882/2004 huma elenkati fl-Anness IV għal dan ir-Regolament.

<sup>(1)</sup> ĠU L 144, 4.6.1997, p. 19.

## Artikolu 12

### Responsabbiltà

1. Il-persuna responsabbli għat-tikkettar għandha tiżgura l-preżenza u l-eżattezza sostantiva tad-dettalji tat-tikketta.
2. Il-persuna responsabbli għat-tikkettar għandha tkun l-operatur tan-negozju tal-għalf li l-ewwel ma jqiegħed fis-suq l-għalf, jew fejn ikun il-każ, l-operatur tan-negozju tal-għalf li f'ismu jew f'isem in-negozju tiegħu l-għalf huwa kkommerċjalizzat.
3. Safejn l-attivitajiet tagħhom jaffettwaw it-tikkettar fiin-negozju taħt il-kontroll tagħhom, l-operaturi tan-negozju tal-għalf għandhom jiżguraw li l-informazzjoni provduta bi kwalunkwe mezz tissodisfa r-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament.
4. L-operaturi tan-negozju tal-għalf responsabbli għall-attivitajiet ta' bejgħ bl-immut jew ta' distribuzzjoni li ma jaffettwawx it-tikkettar għandhom jaġixxu bl-attenzjoni dovuta biex jiżguraw il-konformità mar-rekwiżiti tat-tikkettar, b'mod partikolari billi ma jipprovdwx għalf li jafu jew setgħu jobsru, fuq il-bażi tal-informazzjoni fil-pussess tagħhom u bħala professjonisti, li ma jikkonformax ma' daww ir-rekwiżiti.
5. Fin-negozji taħt il-kontroll tagħhom l-operaturi tan-negozju tal-għalf għandhom jiżguraw li d-dettalji obligatorji tat-tikkettar jiġu trażmessi tul il-katina tal-ikel kollha sabiex jippermettu l-għoti tal-informazzjoni lill-utent aħħari tal-għalf skont dan ir-Regolament.

## Artikolu 13

### Affermazzjonijiet

1. It-tikkettar u l-preżentazzjoni ta' materjali tal-għalf u għalf kompost jistgħu jiġbdu l-attenzjoni partikolari għall-preżenza jew in-nuqqas ta' sustanza fl-għalf, għal xi karatteristika jew proċess ta' nutrizzjoni speċifiku jew għal xi funzjoni speċifika relatata ma' kwalunkwe minn dawn, bil-kondizzjoni li l-kondizzjonijiet li ġejjin jiġu ssodisfatti:
  - (a) l-affermazzjoni tkun oġġettiva, verifikabbli mill-awtoritajiet kompetenti u miżjura mill-utent tal-għalf; u
  - (b) il-persuna responsabbli għat-tikkettar tippovdi, fuq it-talba tal-awtorità kompetenti, prova xjentifika tal-affermazzjoni, jew b'referenza għal evidenza xjentifika disponibbli pubblikament jew permezz ta' rikerka dokumentata mill-kumpanija. Il-prova xjentifika għandha tkun disponibbli fil-mument meta l-għalf jitqiegħed fis-suq. Ix-xerrejja għandu jkollhom id-dritt li jiġbdu l-attenzjoni tal-awtorità kompetenti dwar id-dubji tagħhom fir-rigward tal-verità tal-affermazzjoni. Jekk jiġi konkluż li ma tistax tingħata prova biżżejjed tal-affermazzjoni, it-tikketta dwar din l-affermazzjoni titqies bħala waħda li tiżgwi għall-finijiet tal-Artikolu 11. Fil-każ fejn l-awtorità kompetenti jkollha dubji fir-rigward tal-prova xjentifika tal-affermazzjoni kkonċernata, hija tista' tressaq il-kwistjoni quddiem il-Kummissjoni.

Jekk ikun il-każ u wara li tirċievi opinjoni mingħand l-Awtorità, il-Kummissjoni tista' tadotta deċiżjoni skont il-proċedura konsultattiva stabbilita fl-Artikolu 28(2).

2. Bla ħsara għall-paragrafu 1, affermazzjonijiet li jikkonċernaw l-ottimizzazzjoni tan-nutrizzjoni u s-sostenn jew il-protezzjoni tal-kondizzjonijiet fiżjoloġiċi huma permessi, sakemm ma jkunx filhom dikjarazzjoni msemmija fil-punt (a) tal-paragrafu 3.
3. It-tikkettar jew il-preżentazzjoni ta' materjali tal-għalf u għalf kompost m'għandhomx jaffermaw li
  - (a) l-għalf ser jipprevjeni, jikkura jew ifejjaq xi marda, ħliet għall-koċidjostati u histomonostati kif awtorizzat taħt ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003; madankollu, dan il-punt m'għandux japplika għal affermazzjonijiet li jikkonċernaw żbilanċi ta' nutrizzjoni sakemm ma jkunx hemm sintomu patoloġiku assoċjat;
  - (b) l-għalf għandu skop ta' nutrizzjoni partikolari, kif previst fil-lista ta' użijiet maħsuba msemmija fl-Artikolu 9, sakemm ma jissodisfax r-rekwiżiti stabbiliti fih.
4. L-ispeċifikazzjonijiet relatati mar-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafi 1 u 2 jistgħu jiġu inklużi fil-Kodiċijiet tal-Komunità msemmija fl-Artikolu 25.

## Artikolu 14

### Preżentazzjoni tad-dettalji fit-tikketti

1. Id-dettalji obligatorji fit-tikketti għandhom jingħataw fl-intier tagħhom f'post prominenti fuq l-imballaġġ, il-kontenitur, fuq tikketta mwaħħla miegħu jew fuq id-dokument li jakkumpanjah previst fl-Artikolu 11(2), b'mod li jidher sew, jinqara faċilment u ma jitħassarx, fil-lingwa uffiċjali jew minn tal-inqas waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Istat Membru jew tar-reġjun li fih jitqiegħed fis-suq.
2. Id-dettalji obligatorji fit-tikketti għandhom ikunu faċilment identifikabbli u m'għandhomx jiġu mgħottija minn xi informazzjoni oħra. Huma għandhom jintwerew f'kulur, tipa u daqs li ma jgħattix jew jenfazizza xi parti tal-informazzjoni, sakemm tali varjazzjoni ma ssirx biex tingħed l-attenzjoni għal xi dikjarazzjonijiet ta' prekawzjoni.
3. L-ispeċifikazzjonijiet relatati mar-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafi 1 u 2 u għall-preżentazzjoni tat-tikkettar volontarju msemmi fl-Artikolu 22 jistgħu jiġu inklużi fil-Kodiċijiet tal-Komunità msemmija fl-Artikolu 25.

## Artikolu 15

### Rekwiziti ġenerali obligatorji dwar it-tikkettar

Materjal tal-għalf jew għalf kompost m'għandux jitqiegħed fis-suq sakemm id-dettalji li ġejjin ma jintwerewx fit-tikketti:

- (a) it-tip ta' għalf: "materjal tal-għalf", "għalf komplet jew 2għalf komplementari", kif ikun xieraq;



- għall-“għalf komplet” id-deżinjazzjoni “għalf sostitut tal-ħalib komplet” jista’ jintuża, jekk ikun il-każ;
  - għall-“għalf komplementari” id-deżinjazzjonijiet li ġejjin jistgħu jintużaw fejn ikun xieraq: “għalf minerali”, jew “għalf sostitut komplementari tal-ħalib”;
  - għall-annimali domestiċi ħlief għall-qtates u l-klieb “għalf komplet” jew “għalf komplementari” jista’ jiġi sostitwit bi “għalf kompost”;
- (b) l-isem jew l-isem tan-negozju u l-indirizz tal-operatur tan-negozju tal-għalf responsabbli għat-tikkettar;
- (c) jekk ikun disponibbli, in-numru ta’ approvazzjoni tal-istabiliment tal-persuna responsabbli għat-tikkettar mogħti skont l-Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru 1774/2002 għal stabbilimenti awtorizzati skont l-Artikolu 23(2)(a), (b) u (c) tar-Regolament (KE) Nru 1774/2002 jew l-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru 1774/2002 jew skont l-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 183/2005. Jekk persuna responsabbli mit-tikkettar ikollha diversi numri ta’ approvazzjoni hija għandha tuża dak mogħti skont ir-Regolament (KE) Nru 183/2005;
- (d) in-numru ta’ referenza tal-kunsinna jew tal-lott;
- (e) il-kwantità netta espressa f’unitajiet ta’ massa fil-każ ta’ prodotti solidi, u f’unitajiet ta’ massa jew volum fil-każ ta’ prodotti likwidi;
- (f) il-lista ta’ addittivi tal-għalf preċeduta mit-titolu “addittivi” skont il-Kapitolu I tal-Anness VI jew VII, kif applikabbli, u bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tat-tikkettar stabbiliti fl-att legali li jawtorizza l-addittiv tal-għalf rispettiv; u
- (g) il-kontenut ta’ umdià skont il-punt 6 tal-Anness I.

#### Artikolu 16

#### Rekwiżiti speċifiċi obligatorji dwar it-tikkettar għall-materjali tal-għalf

1. Minbarra r-rekwiżiti previsti fl-Artikolu 15, it-tikkettar ta’ materjali tal-għalf għandu jinkludi wkoll:
- (a) l-isem tal-materjal tal-għalf; l-isem għandu jintuża f’konformità mal-Artikolu 24(5); u
- (b) id-dikjarazzjoni obligatorja li tikkorrispondi għall-kategorija rispettiva kif stabbilita fil-lista fl-Anness IV; id-dikjarazzjoni obligatorja tista’ tiġi ssostitwita bid-dettalji definiti fil-Katalogu tal-Komunità msemmi fl-Artikolu 24 għal kull materjal tal-għalf tal-kategorija rispettiva.
2. Minbarra r-rekwiżiti previsti fil-paragrafu 1, it-tikkettar tal-materjali tal-għalf għandu jinkludi dan li ġej meta jiġu inkorporati addittivi:
- (a) l-ispeċijiet jew kategoriji tal-annimali li għalihom huwa intenzjonat il-materjal tal-għalf meta l-addittivi in kwistjoni ma jkunux awtorizzati għall-ispeċijiet kollha tal-annimali jew għal xi speċijiet ikunu awtorizzati biss sa ċerti limiti massimi;

- (b) istruzzjonijiet għall-użu tajjeb skont il-punt 4 tal-Anness II, fejn jiġi stabbilit kontenut massimu tal-addittivi in kwistjoni; u
- (c) l-iskadenza minima ta’ ħażna għall-addittivi apparti daww teknoloġiċi.

#### Artikolu 17

#### Rekwiżiti speċifiċi obligatorji dwar it-tikkettar għall-għalf kompost

1. Barra r-rekwiżiti previsti fl-Artikolu 15, it-tikkettar tal-għalf kompost għandu jinkludi wkoll dan li ġej:

- (a) l-ispeċijiet jew il-kategoriji ta’ annimali li għalihom hu maħsub l-għalf kompost;
- (b) l-istruzzjonijiet għall-użu tajjeb li jindikaw l-iskop li għalih l-għalf huwa maħsub; fejn applikabbli, dawn l-istruzzjonijiet għandhom ikunu konformi mal-punt 4 tal-Anness II;
- (c) fil-każijiet meta l-produttur ma jkunx il-persuna responsabbli għat-tikkettar, għandhom jiġu provduti dawn li ġejjin:
- l-isem jew l-isem tan-negozju u l-indirizz tal-produttur, jew
  - in-numru tal-approvazzjoni tal-produttur kif imsemmi fl-Artikolu 15(c) jew numru ta’ identifikazzjoni skont l-Artikoli 9, 23 jew 24 tar-Regolament (KE) Nru 183/2005; jekk tali numru ma jkunx disponibbli, numru ta’ identifikazzjoni allokat fuq it-talba tal-produttur jew tal-operatur tan-negozju tal-importazzjoni tal-għalf li għandu jkun skont il-format stabbilit fil-Kapitolu II tal-Anness V tar-Regolament (KE) Nru 183/2005;
- (d) l-indikazzjoni tal-iskadenza minima tal-ħażna f’konformità mar-rekwiżiti li ġejjin:

— “ikkonsma qabel...” segwit mid-data li tindika ġurnata partikolari fil-każ ta’ għalf li jehzjen malajr minħabba l-proċessi ta’ degradazzjoni;

— “ikkonsma preferibbilment qabel...” segwit mid-data li tindika xahar partikolari fil-każ ta’ għalf ieħor.

Jekk id-data tal-manifattura tkun indikata fit-tikketta, id-data li tindika l-iskadenza minima tal-ħażna tista’ tingħata wkoll bħala “... (perijodu ta’ żmien fi għranet jew xhur) wara d-data tal-manifattura”;

- (e) lista tal-materjali tal-għalf li minnhom huwa kompost l-għalf, li ġġib l-intestatura “kompożizzjoni” u tindika l-isem ta’ kull materjal tal-għalf skont l-Artikolu 16(1)(a), u telenka



dawk il-materjali tal-għalf f'ordni mill-itqal għall-eħfef, ikkal-kolata fuq il-kontenut tal-umdità fl-għalf kompost; dik il-lista tista' tinkludi l-persentaġġ bil-piż; u

(f) id-dikjarazzjonijiet obligatorji previsti fil-Kapitolu II tal-Anness VI jew VII, kif applikabbli.

2. Fir-rigward tal-lista prevista fil-paragrafu 1(e), ir-rekwiżiti li għejjin għandhom japplikaw:

(a) l-isem u l-persentaġġ bil-piż ta' materjal tal-għalf għandu jiġi indikat jekk il-preżenza tiegħu hija enfassizzata fuq it-tikketta fi kliem, stampi jew grafika;

(b) jekk il-persentaġġ bil-piż tal-materjali tal-għalf inkorporati f'għalf kompost għall-annimali li jipproduċu l-ikel ma jkunux murija fuq it-tikketta, il-persuna responsabbli għat-tikketta għandha, bla ħsara għad-Direttiva 2004/48/KE, tagħmel disponibbli lix-xerrej fuq talba, l-informazzjoni dwar id-data tal-kompożizzjoni kwantitattiva f'medda ta' +/- 15 % tal-valur skont il-formulazzjoni tal-għalf; u

(c) fil-każ ta' għalf kompost maħsub għall-annimali li ma jipproduċu l-ikel ħliet għall-annimali tal-pil, l-indikazzjoni tal-isem speċifiku tal-materjal tal-għalf jista' jiġi sostitwit bl-isem tal-kategorija li fiha jappartjeni l-materjal tal-għalf.

3. F'każ ta' urġenza relatata mas-saħħa tal-bniedem jew tal-annimali jew mal-ambjent, u bla ħsara għad-Direttiva 2004/48/KE, l-awtorità kompetenti tista' tagħti lix-xerrej l-informazzjoni li tkun disponibbli għaliha taħt l-Artikolu 5(2), bil-kondizzjoni li, wara li jiġu b'bilanċjati l-interessi leġittimi rispettivi tal-manifatturi u tax-xerreja, hija tikkonkludi li l-għoti ta' din l-informazzjoni jkun iġġustifikat. Jekk ikun il-każ, l-awtorità kompetenti għandha ttiprovdi din l-informazzjoni bil-kondizzjoni li x-xerrej jiffirma klawnsola ta' kunfidenzjalità.

4. Għall-finijiet tal-paragrafu 2(c), il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi lista ta' kategoriji ta' materjali tal-għalf li jistgħu jiġu indikati minflok il-materjali tal-għalf individwali fit-tikketta tal-għalf għall-annimali li ma jipproduċu l-ikel ħliet għall-annimali tal-pil.

Dawk il-miżuri, imfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, billi jissupplimentawh, għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 28(4).

#### Artikolu 18

#### **Rekwiżiti addizzjonali obligatorji tat-tikkettar għall-għalf maħsub għal skopijiet partikolari ta' nutrizzjoni**

Minbarra r-rekwiżiti ġenerali obligatorji stabbiliti fl-Artikoli 15, 16 u 17, skont kif japplika, it-tikkettar tal-għalf maħsub għal skopijiet partikolari ta' nutrizzjoni għandu jinkludi wkoll:

(a) l-espressjoni kwalifikattiva "djetetiku", li hu riżervat esklussivament għall-għalf maħsub għal skopijiet partikolari ta' nutrizzjoni, maġenb id-deżinjazzjoni tal-għalf kif stabbilita fl-Artikolu 15(a);

(b) id-dettalji preskritti għall-użu maħsub rispettiv fil-kolonni 1 sa 6 tal-lista ta' użi maħsuba msemmija fl-Artikolu 9; u

(c) indikazzjoni li għandha tintalab l-opinjoni ta' espert nutrizzjonali jew veterinarju qabel l-użu tal-għalf jew qabel l-estensjoni tal-perijodu tal-użu tiegħu.

#### Artikolu 19

#### **Rekwiżiti obligatorji addizzjonali dwar it-tikkettar għall-ikel tal-annimali domestiċi**

Fuq it-tikketta tal-ikel tal-annimali domestiċi għandu jintwera numru tat-telefon bla ħlas jew għandhom jiġu indikati mezzijiet oħra ta' komunikazzjoni sabiex jippermettu li x-xerrej jikseb informazzjoni minbarra d-dettalji obligatorji dwar:

(a) l-addittivi tal-għalf inkorporati fl-ikel tal-annimali domestiċi, u

(b) il-materjali tal-għalf inkorporati li huma deżinjati bil-kategorija kif imsemmi fl-Artikolu 17(2)(c).

#### Artikolu 20

#### **Rekwiżiti obligatorji addizzjonali tat-tikkettar għall-għalf li ma jikkonformax**

1. Minbarra r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 15, 16, 17 u 18, l-għalf li ma jikkonformax mar-rekwiżiti taħt il-liġi Komunitarja stabbiliti fl-Anness VIII, bħall-materjali kkontaminati, għandhom juru d-dettalji tat-tikkettar stabbiliti f'dak l-Anness.

2. Il-Kummissjoni tista' temenda l-Anness VIII sabiex iġġibu f'konformità mal-progress leġislativ lejn l-iżvilupp tal-istandards.

Dawk il-miżuri, imfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, billi jissupplimentawh, għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 28(4).

#### Artikolu 21

#### **Derogi**

1. Id-dettalji msemmija fl-Artikolu 15(c), (d), (e), u (g) u l-Artikolu 16(1) (b) m'għandhomx ikunu meħtieġa fejn, qabel kull tranżazzjoni, ix-xerrej ikun iddikjara bil-miktub li m'għandux bżonn din l-informazzjoni. Tranżazzjoni tista' tikkonsisti f'diversi kunsinni.

2. Għall-għalf ippakkjat id-dettalji msemija fl-Artikolu 15(c), (d) u (e) u l-Artikolu 16(2)(c) jew l-Artikolu 17(1)(c), (d) u (e) jistgħu jingħataw fuq l-imballaġġ barra mill-post tat-tikketta kif imsemmi fl-Artikolu 14(1). F'każijiet bħal dawn għandu jiġi indikat il-post fejn jidhru dawn id-dettalji.

3. Bla ħsara għall-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 183/2005, id-dettalji msemija fl-Artikolu 15(c), (d), (e), u (g) u l-Artikolu 16(1)(b) ta' dan ir-Regolament m'għandhomx ikunu obligatorji għal materjali tal-għalf li ma fihomx addittivi tal-għalf, bl-eċċezzjoni għal priżervattivi jew addittivi tal-ħżin f'sajlo, u li huma prodotti u mwassla minn operatur tan-negozju tal-għalf skont l-Artikolu 5(1) tar-Regolament (KE) Nru 183/2005 lil utent tal-għalf involut fil-produzzjoni primarja għall-użu fl-istabbiliment tiegħu.

4. Id-dikjarazzjonijiet obligatorji msemija fl-Artikolu 17(1)(f) m'għandhomx ikunu meħtieġa għal taħlitiet ta' qmuħ minn pjanti sħaħ, żrieragħ u frott.

5. Fil-każ tal-għalf kompost magħmul minn mhux iktar minn tliet materjali tal-għalf id-dettalji msemija fl-Artikolu 17(1)(a) u (b) m'għandhomx ikunu meħtieġa fejn il-materjali tal-għalf użati huma indikati b'mod ċar fid-deskrizzjoni.

6. Għall-kwantitajiet li ma jisbqux l-20 kg ta' materjali tal-għalf jew għalf kompost maħsuba għall-utent aħħari u mibjugħa fi kwantità, id-dettalji msemija fl-Artikoli 15, 16 u 17 jistgħu jinġiebu għall-attenzjoni tax-xerrej permezz ta' avviż xieraq fil-punt tal-bejgħ. F'dawn il-każijiet, id-dettalji msemija fl-Artikolu 15(a) u l-Artikolu 16(1) jew l-Artikolu 17(1)(a) u (b), kif xieraq, għandhom jiġu pprovduti lix-xerrej l-aktar tard fuq l-irċevuta jew magħha.

7. Għall-kwantitajiet ta' ikel tal-annimali domestiċi mibjugħa f'pakketti b'diversi kontenituri, id-dettalji msemija fl-Artikolu 15(b), (c), (f) u (g) u l-Artikolu 17(1)(b), (c), (e) u (f) jistgħu jingħataw biss fuq in-naħa ta' barra tal-imballaġġ minflok fuq kull kontenitur, bil-kondizzjoni li l-piż kkombinat totali tal-pakkett ma jaqbix l-10 kg.

8. B'deroga mid-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, l-Istati Membri jistgħu japplikaw dispożizzjonijiet nazzjonali għall-għalf maħsub għall-annimali miżmuma għal skopijiet xjentifiċi jew sperimentali bil-kondizzjoni li t-tikketta tiegħu turi b'mod ċar dan l-iskop. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni mingħajr dewmien.

#### Artikolu 22

##### Tikkettar volontarju

1. Minbarra r-rekwiżiti obligatorji tat-tikkettar, it-tikkettar tal-materjali għall-għalf u tal-għalf kompost jista' jinkludi wkoll dettalji ta' tikkettar volontarju, sakemm il-prinċipji ġenerali stabbliti f'dan ir-Regolament ikunu rrispettati.

2. Kondizzjonijiet oħra għat-tikkettar volontarju jistgħu jingħataw fil-Kodiċijiet Komunitarji msemija fl-Artikolu 25.

#### Artikolu 23

##### Mballaġġ

1. Il-materjali għall-għalf u l-għalf kompost jistgħu jitqiegħdu fis-suq biss f'pakketti jew kontenituri ssiġillati. Il-pakketti jew il-kontenituri għandhom ikunu ssiġillati b'tali mod li, meta l-pakkett jew il-kontenitur jinfetaħ, is-siġill jinkiser u ma jkunx jista' jerġa' jintuża.

2. B'deroga għall-paragrafu 1, l-għalf li ġej jista' jitqiegħed fis-suq fi kwantità jew f'pakketti jew kontenituri mhux issiġillati:

- (a) materjali tal-għalf;
- (b) għalf kompost miksub esklussivament b'taħlit ta' qmuħ jew frott sħiħ;
- (c) kunsinni bejn il-produtturi tal-għalf kompost;
- (d) kunsinni ta' għalf kompost direttament mill-produttur għal għand l-utent tal-għalf;
- (e) kunsinni minn produtturi tal-għalf kompost lid-ditti tal-imballaġġ;
- (f) kwantitajiet ta' għalf kompost li ma jisbqux il-50 kilogramma fil-piż u li huma maħsuba għall-utent aħħari u meħuda direttament minn pakkett jew kontenitur issiġillat; u
- (g) blokki jew ġebliet għal-lgħiq.

#### KAPITOLU 5

##### KATALOGU TAL-KOMUNITÀ DWAR MATERJALI TAL-GĦALF U KODIĊIJET TAL-KOMUNITÀ TA' PRASSI TA'JBA TA' TIKKETTAR

#### Artikolu 24

##### Katalogu tal-Komunità tal-materjali tal-għalf

1. Il-Katalogu tal-Komunità tal-materjali tal-għalf (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Katalogu") għandu jiġi maħluq bħala għodda biex ittejjeb it-tikkettar tal-materjali tal-għalf u l-għalf kompost. Il-Katalogu għandu jiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni dwar il-karatteristiċi tal-prodotti u jkun fih lista mhux eżawrjenti tal-materjali għall-għalf. Hu għandu talanqas jinkludi d-dettalji li ġejjin għal kull materjal tal-għalf elenkat:

- (a) l-isem;
- (b) in-numru tal-identifikazzjoni;
- (c) deskrizzjoni tal-materjal tal-għalf inkluża l-informazzjoni dwar il-proċess tal-manifattura, jekk ikun xieraq;

(d) dettalji li jissostitwixxu d-dikjarazzjoni obligatorja għall-finijiet tal-Artikolu 16(1)(b); u

(e) glossarju bid-definizzjoni tal-proċessi u l-espressjonijiet tekniċi differenti msemmija.

2. L-ewwel verżjoni tal-Katalogu tal-Komunità għandha tiġi adottata skont il-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 28(2) sa mhux iktar tard mill-21 ta' Marzu 2010 u l-elementi mdaħħla fih għandhom jikkonsistu f'dawk elenkati fil-Parti B tal-Anness għad-Direttiva 96/25/KE u l-kolonna 2 sa 4 tal-Anness għad-Direttiva 82/471/KEE. Il-punt IV tal-Parti A tal-Anness tad-Direttiva 96/25/KE għandu jikkostitwixxi l-glossarju.

3. Il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 26 għandha tapplika għall-emendi fil-Katalogu.

4. L-Artikolu japplika mingħajr ħsara għar-rekwiżiti ta' sikurezza stabbiliti fl-Artikolu 4.

5. L-użu tal-Katalogu mill-operaturi tan-negozju tal-għalf għandu jkun volontarju. Madankollu, l-isem ta' materjal tal-għalf imniżżel fil-Katalogu jista' jintuża biss jekk id-dispożizzjonijiet rilevanti kollha tal-Katalogu jiġu rrispettati.

6. Il-persuna li, għall-ewwel darba, tqiegħed fis-suq materjal tal-għalf li ma jkunx imniżżel fil-lista tal-Katalogu għandha minnufih tgħarraf bl-użu tagħha lir-rappreżentanti tal-oqsma tan-negozju tal-għalf Ewropej imsemmija fl-Artikolu 26(1). Ir-rappreżentanti tal-oqsma tan-negozju tal-għalf Ewropej għandhom jipubblikaw regjistru ta' dawn in-notifiki fuq l-Internet u jaġġornaw ir-regjistru fuq bażi regolari.

#### Artikolu 25

##### Kodiċi tal-Komunità dwar Prattiki tajba ta' tikkettar

1. Il-Kummissjoni għandha thegħeġ l-iżvilupp ta' żewġ Kodiċijiet tal-Komunità ta' prattika tajba ta' tikkettar (minn hawn 'il quddiem imsejħa "il-Kodiċijiet"), wieħed għall-ikel tal-annimali domestiċi u wieħed għall-għalf kompost għall-annimali li jipproduċu l-ikel, li jistgħu jinkludu taqsima li tikkonċerna għalf kompost għal annimali tal-pil.

2. Il-Kodiċijiet għandu jkollhom l-għan li jtejbu l-adekwatezza ta' tikkettar. Huma għandhom, b'mod partikolari, jinkludu dispożizzjonijiet dwar il-preżentazzjoni ta' dettalji tat-tikkettar previsti fl-Artikolu 14, dwar it-tikkettar volontarju previst fl-Artikolu 22 u dwar l-użu tad-dikjarazzjonijiet previsti fl-Artikolu 13.

3. Il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 26 għandha tapplika għall-istabbiliment tal-Kodiċijiet u għal kull emenda li ssirilhom.

4. L-użu tal-Kodiċijiet mill-operaturi tan-negozju tal-għalf għandu jkun volontarju. Madankollu, l-użu ta' kwalunkwe Kodiċijiet jista' jiġi indikat fuq it-tikketta bil-kondizzjoni li d-dispożizzjonijiet rilevanti kollha ta' dan il-Kodiċi jkunu rrispettati.

#### Artikolu 26

##### Stabiliment tal-Kodiċijiet u emendi għall-Katalogu tal-Komunità u l-Kodiċijiet tal-Komunità

1. L-abbozz ta' emendi għall-Katalogu tal-Komunità u l-abbozzi tal-Kodiċijiet kif ukoll kwalunkwe abbozz ta' emendi għalihom għandhom jiġu żviluppati u emendati mir-rappreżentanti kollha xierqa tas-setturi Ewropej tan-negozju tal-għalf.

(a) b'konsultazzjoni mal-partijiet l-oħra kkonċernati, bħalma huma l-utenti tal-għalf;

(b) f'kollaborazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u, fejn ikun xieraq, mal-Awtorità;

(c) b'konsiderazzjoni tal-esperjenzi rilevanti mill-opinjonijiet mogħtija mill-Awtorità u l-iżviluppi xjentifiċi u teknoloġiċi.

2. Bla ħsara għall-paragrafu 3, il-Kummissjoni għandha tapprova l-miżuri għall-finijiet ta' dan l-Artikolu skont il-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 28(2).

3. Għandhom jiġu adottati emendi għall-Katalogu tal-Komunità li jiffissaw il-kontenut massimu ta' impuritajiet kimiċi kif imsemmi fil-punt 1 tal-Anness I jew il-livelli ta' purità botanika msemmija fil-punt 2 tal-Anness I jew jew il-livelli ta' kontenut ta' umdiċa msemmija fil-punt 6 tal-Anness I jew id-dettalji li jissostitwixxu d-dikjarazzjoni obligatorja msemmija fl-Artikolu 16(1)(b). Dawn il-miżuri, imfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 28(4).

4. Il-miżuri taħt dan l-Artikolu għandhom ikunu adottati bil-kondizzjoni biss li jiġu rrispettati l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) dawn ikunu ġew żviluppati skont il-paragrafu 1;

(b) il-kontenut tagħhom jista' jiġi applikat fil-Komunità kollha għas-setturi li għalihom jirreferu; u

(c) ikunu adegwati sabiex jintlaħqu l-oġġettivi ta' dan ir-Regolament.

5. Il-Katalogu għandu jiġi ppubblikat fis-Serje L ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. It-titolu u r-referenzi tal-Kodiċijiet għandhom ikunu ppubblikati fis-Serje C ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

#### KAPITOLU 6

##### DISPOŻIZZJONIJET ĠENERALI U FINALI

#### Artikolu 27

##### Miżuri implimentattivi

1. Il-Kummissjoni tista' temenda l-Annessi sabiex taddattahom fid-dawl tal-iżviluppi xjentifiċi u teknoloġiċi.

Dawk il-miżuri, imfassla biex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, inter alia billi jissupplimentawh, għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 28(4).

2. Miżuri implimentattivi oħra meħtieġa għall-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu adottati skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 28(3), sakemm ma jkunx previst speċifikament mod ieħor.

#### Artikolu 28

##### Proċedura ta' kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina tal-Ikel u s-Saħħa tal-Animali mwaqqaf permezz tal-Artikolu 58 tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Kumitat").

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 3 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, filwaqt li jitqiesu d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 tagħha.

3. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, filwaqt li jitqiesu d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 tagħha.

Il-perijodu stabbilit fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jkun ta' tliet xhur.

4. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5a (1) sa (4), u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, filwaqt li jitqiesu d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 tagħha.

5. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5a (1), (2), (4) u (6) u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, filwaqt li jitqiesu d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 tagħha.

6. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5a(1) sa (4), u (5)(b), u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, filwaqt li jitqiesu d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 tagħha.

Il-limiti ta' żmien stabbiliti fl-Artikolu 5a(3)(c), (4)(b) u (4)(e) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandhom ikunu ta' xahrejn, xahar u xahrejn, rispettivament.

#### Artikolu 29

##### Emenda għar-Regolament (KE) Nru 1831/2003

L-Artikolu 16 tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003 għandu jiġi emendat kif ġej:

(1) Il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:

(a) Il-punt (d) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(d) fejn ikun xieraq, in-numru tal-approvazzjoni tal-istabbiliment li jimmanifattura jew iqiegħed fis-suq l-addittivi tal-ġhalf jew tat-taħlita mħejjija minn qabel skont l-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 183/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-

12 ta' Jannar 2005 li jstabbilixxi l-ħtiġijiet għall-iġjene tal-ġhalf (\*) jew, jekk ikun il-każ, skont l-Artikolu 5 tad-Direttiva 95/69/KE;

(\*) ĠU L 35, 8.2.2005, p. 1.";

(b) Is-subparagrafu li ġej għandu jidded fl-aħħar tal-paragrafu 1:

"Fil-każ ta' taħlitiet imħejjija minn qabel, il-punti (b), (d), (e) u (g) m'għandhomx japplikaw għall-additivi tal-ġhalf inkorporati.";

(2) Il-Paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Minbarra l-informazzjoni speċifikata fil-paragrafu 1, l-imbaggġ jew il-kontenitur tal-addittivi tal-ġhalf li jappartjenu għal grupp funzjonali speċifikat fl-Anness III jew ta' taħlita mħejjija minn qabel li fiha addittiv li jappartjeni għal grupp funzjonali speċifikat fl-Anness III għandu jkollu l-informazzjoni, ippreżentata f'mod li jidher sew, jinqara faċilment u li ma jitħassarx, indikata f'dak l-Anness.";

(3) Il-Paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. Fil-każ ta' taħlitiet imħejjija minn qabel, il-kelma 'taħlita mħejjija minn qabel' għandha tidher fuq it-tikketta. Il-ġarriera għandhom jiġu ddikjarati, fil-każ ta' materjali tal-ġhalf, f'konformità mal-Artikolu 17(1)(e) tar-Regolament (KE) Nru 767/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-ġhalf (\*), u, meta l-ilma jintuża bħala ġarrier, għandu jiġi ddikjarat il-kontenut ta' umdità tat-taħlita mħejjija minn qabel. Skadenza minima ta' ħażna waħda biss tista' tiġi indikata fir-rigward ta' kull taħlita mħejjija minn qabel fl-intier tagħha; din l-iskadenza minima ta' ħażna għandha tiġi ddeterminata fuq il-bażi tal-iskadenza minima ta' ħażna ta' kull wieħed mill-komponenti tagħha.

(\*) ĠU L 229, 1.9.2009, p. 1.".

#### Artikolu 30

##### Tħassir

L-Artikolu 16 tad-Direttiva 70/524/KEE u d-Direttivi 79/373/KEE, 80/511/KEE, 82/471/KEE, 83/228/KE, 93/74/KEE, 93/113/KE u 96/25/KE u d-Deċiżjoni 2004/217/KE huma mħassra b'effett mill-1 ta' Settembru 2010.

Referenzi għad-Direttivi mħassra u għad-Deċiżjoni mħassra għandhom jinfteħmu bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw skont it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness IX.

#### Artikolu 31

##### Penalijiet

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-penalijiet applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u għandhom jieħdu kull miżura meħtieġa biex jiżguraw l-implimentazzjoni tagħhom. Il-penalijiet previsti għandhom ikunu effikaċi, proporzjonati u dissważivi.

L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni sa mhux aktar tard mill-1 ta' Settembru 2010 u għandhom jinnotifikawha mingħajr dewmien b'kull emenda sussegwenti li taffetwahom.

#### Artikolu 32

##### Miżuri tranżitorji

1. B'deroga mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 33, l-għalf li jitqiegħed fis-suq jew li jingħata tikketta skont id-Direttivi 79/373/KEE, 82/471/KEE, 93/74/KEE u 96/25/KE qabel l-1 ta' Settembru 2010 jista' jitqiegħed jew jibqa' fis-suq sakemm jispiċċaw il-ħażniet.

2. B'deroga mill-Artikolu 8(2), tipi ta' għalf imsemmija f'dak l-Artikolu li diġà tqiegħdu fis-suq legalment qabel l-1 ta' Settembru 2010 jistgħu jitqiegħdu jew jibqgħu fis-suq sakemm tittieħed deċizzjoni dwar l-applikazzjoni għall-aġġornar tal-lista tal-użijiet maħsuba msemmija fl-Artikolu 10, bil-kondizzjoni li din l-applikazzjoni tkun ġiet ippreżentata qabel l-1 ta' Settembru 2010.

3. B'deroga mill-punt 1 tal-Anness I għal dan ir-Regolament, il-materjali tal-għalf jistgħu jitqiegħdu fis-suq u jiġu użati sakemm jiġi ffixat il-kontenut speċifiku massimu tal-impurità jiet kimiċi li jirriżultaw mill-proċess tal-manifattura u mill-għaj-

nuniet għall-ipproċessar, bil-kondizzjoni li dawn ikunu talanqas konformi mal-kondizzjonijiet stabbiliti fil-punt 1 tal-Parti A, Titolu II tal-Anness għad-Direttiva 96/25/KE. Madankollu, din id-deroga m'għandhiex tibqa' tapplika fl-1 ta' Settembru 2012.

4. Jistgħu jiġu addottati miżuri sabiex jiffaċilitaw it-tranżizzjoni lejn l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. B'mod partikolari, jistgħu jiġu speċifikati kondizzjonijiet li fihom għalf jista' jingħata tikketta b'konformità ma' dan ir-Regolament qabel id-data tal-applikazzjoni tiegħu. Dawn il-miżuri mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, inter alia billi jissupplimentawh, għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 28(4).

#### Artikolu 33

##### Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidhul fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Għandu japplika mill-1 ta' Settembru 2010.

Madankollu, l-Artikoli 31 u 32 għandhom japplikaw mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Lulju 2009.

Għall-Parlament Ewropew  
Il-President  
H.-G. PÖTTERING

Għall-Kunsill  
Il-President  
E. ERLANDSSON



## ANNEX I

**Dispożizzjonijiet tekniċi dwar impuritajiet, sostitut tal-ħalib, materjali tal-għalf għat-tgħaqqid jew denaturizzazzjoni, il-livell tal-irmied u l-kontenut tal-umdità kif msemmija fl-Artikolu 4**

1. B'konformità mal-prattika tajba kif imsemmi fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 183/2005, il-materjali tal-għalf għandhom ikunu ħielsa minn impuritajiet kimiċi li jirriżultaw mill-proċess tal-manifattura tagħhom u mill-għajnuniet tal-iproċessar, sakemm ma jkunx ġie ffissat kontenut massimu speċifiku fil-Katalogu msemmi fl-Artikolu 24.
2. Il-purità botanika tal-materjal tal-għalf m'għandhiex tkun inqas minn 95 %, sakemm ma jkunx ġie stabbilit livell differenti fil-Katalogu kif imsemmi fl-Artikolu 24. L-impuritajiet botaniċi jinkludu l-impuritajiet ta' materjali ta' pjanti li m'għandhomx effett ħażin fuq l-annimali bħal pereżempju tiben u żrieragħ u speċi oħrajn ta' ħaxix selvaġġ ikkoltivat. Fir-rigward tal-impuritajiet botaniċi bħal ma huma r-residwi ta' żrieragħ taż-żejt oħra jew frott taż-żejt ieħor miksuba minn proċess preċedenti ta' manifattura, m'għandux jisboq iż-0,5 % għal kull tip ta' żerriegħa taż-żejt jew frott.
3. Il-livell tal-ħadid fl-għalf sostitut tal-ħalib għall-għoġiela ta' piż ħaj inqas minn jew daqs 70 kilogramma għandu jkun minn tal-inqas 30 milligramm kull kilogramm tal-għalf komplet b'kontenut ta' umdità ta' 12 %.
4. Fejn il-materjal tal-għalf jintuża biex jiddenatura jew jgħaqqad materjali tal-għalf oħra, il-prodott jista' xorta waħda jiġi kkunsidrat bħala materjal tal-għalf. L-isem, in-natura u l-kwantità tal-materjal tal-għalf użat biex jgħaqqad jew jidde-natura għandu jkun ittikkettat. Jekk materjal tal-għalf ikun mgħaqqad b'materjal tal-għalf ieħor il-persentaġġ ta' dan tal-aħħar m'għandux jisboq it-3 % tal-piż totali.
5. Il-livell ta' rmied li ma jinhalx fl-aċidu idrokloriku m'għandux jisboq it-2,2 % tal-materjal niexef. Il-livell ta' 2,2 % jista' jinqabeż, għal:
  - materjali tal-għalf,
  - għalf kompost li fih aġenti minerali li jgħaqqdu awtorizzati,
  - għalf minerali,
  - għalf kompost li fih iżjed minn 50 % ross jew pitravi taz-zokkor jew prodotti li ġejjin minnhom,
  - għalf kompost maħsub għall-ħut tal-farm li fih kontenut ta' dħin tal-ħut ta' iżjed minn 15 %, bil-kondizzjoni li l-livell ikun iddikjarat fuq it-tikketta.
6. Bil-kondizzjoni li l-ebda livell ieħor ma jiġi stabbilit fl-Anness V jew il-Katalogu msemmi fl-Artikolu 24 il-kontenut tal-umdità tal-għalf għandu jiġi ddikjarat jekk jisboq:
  - il-5 % fil-każ ta' għalf minerali li ma fihx sustanzi organiċi,
  - is-7 % fil-każ ta' għalf sostitut tal-ħalib u għalf kompost ieħor li fih kontenut ta' prodott tal-ħalib li jisboq 40 %,
  - l-10 % fil-każ ta' għalf minerali li fih sustanzi organiċi,
  - l-14 % fil-każ ta' għalf ieħor.

## ANNEX II

**Dispożizzjonijiet ġenerali dwar it-tikkettar kif imsemmija fl-Artikolu 11(4)**

1. Il-kontenut u l-livelli indikati jew li għandhom jiġu dikjarati jirrelataw għall-piż tal-għalf, għajr fejn ikun specificat mod ieħor.
2. L-indikazzjoni numerika tad-dati għandha ssegwi l-ordni ta' jum, xahar u sena u l-format għandu jiġi indikat fuq it-tikketta permezz tat-taqsiriet li ġejjin: "JJ/XX/SS".
3. Espressjonijiet sinonimi f'ċerti lingwi:
  - (a) Biċ-Ċek id-deżinjazzjoni "krmiva" tista' tiġi sostitwita bi "produkty ke krmení" kif ikun applikabbli; il-Ġermaniż id-deżinjazzjoni "Einzelfuttermittel" tista' tiġi sostitwita bi "Futtermittel-Ausgangserzeugnis"; bil-Grieg "πρώτη ύλη ζωοτροφών" tista' tiġi sostitwita bi "απλή ζωοτροφή"; bit-Taljan "materia prima per mangimi" tista' tiġi sostitwita bi "mangime semplice";
  - (b) Fid-deżinjazzjoni tal-ikel tal-annimali domestiċi l-espressjonijiet li ġejjin għandhom jiġu permissi: bil-Bulgaru "храна"; bl-Ispanjol "alimento"; biċ-Ċek id-deżinjazzjoni "kompletní krmná směs" tista' tiġi sostitwita bi "kompletní krmivo" u "doplňková krmná směs" tista' tiġi sostitwita bi "doplňkové krmivo"; bl-Ingliż "pet food"; bit-Taljan "alimento"; bl-Ungeriż "állateledel"; bl-Olandiż "samengesteld voeder"; bil-Pollakk "karma"; bis-Sloven "hrana za hišne živali"; bil-Finlandiż "lemmikkieläinten ruoka".
4. L-istruzzjonijiet għall-użu adatt tal-għalf komplementari u materjali tal-għalf li fihom addittivi li jisbqu l-livelli massimi ffissati għall-għalf komplet għandhom jiddikjaraw il-kwantità massima
  - fi grammi jew kilogrammi jew unitajiet ta' massa ta' għalf komplementari u materjali tal-għalf kull animal kull jum, jew
  - persentaġġ tar-razzjon ta' kuljum, jew
  - għal kull kilo ta' għalf komplet jew persentaġġ ta' għalf komplet,sabiex ikun żgurat li l-kontenuti massimi rispettivi tal-addittivi tal-ikel fir-razzjon ta' kuljum ikunu rispettati.
5. Mingħajr ma jiġu affettwati l-metodi analitiċi, għall-ikel tal-annimali domestiċi l-espressjoni "proteini mhux raffinati" tista' tiġi sostitwita bi "proteini", "żjut jew xaħmijiet mhux raffinati" tista' tiġi sostitwita bi "kontenut ta' xaħam" u "irmied mhux raffinat" tista' tiġi sostitwita bi "residwu tal-inċinerazzjoni" jew "materjal inorganiku".

## ANNEX III

**Lista tal-materjali li t-tqegħid fis-suq tagħhom jew l-użu tagħhom għal skopijiet ta' nutrizzjoni tal-annimali huwa ristrett jew ipprobit kif imsemmi fl-Artikolu 6**

## Kapitolu 1: Materjali pprobiti

- (1) Ħmieġ tal-imsaren, urina u kontenut separat tal-parti diġestiva bħala riżultat tat-tneħħija jew l-iżvujjar tal-parti diġestiva, irrispettivament jekk ikunx għadda minn xi forma ta' trattament jew taħlita.
- (2) Ġild tal-annimali trattat b'sustanzi tal-kunzatura, inkluż l-iskart tiegħu.
- (3) Żerriegħa u materjal ieħor imnissel mill-pjanti li, wara l-ħsad, ġew mogħtija trattament speċifiku bi prodotti ta' protezzjoni tal-pjanti għall-użu (tixrid) intenzjonat tagħhom u kull prodott miksub indirettament.
- (4) Injam, inklużi serratura u materjali oħra miksubin mill-injam, li ġew trattati bi preservanti tal-injam kif definit fl-Anness V tad-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropeu u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 1998 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti bijoċidali <sup>(1)</sup>.
- (5) Kull skart miksub mid-diversi fażijiet ta' ilma użat urban, domestiku u industrijali kif definit fl-Artikolu 2 tad-Direttiva tal-Kunsill 91/271/KEE tal-21 ta' Mejju 1991 dwar it-trattament tal-ilma użat urban <sup>(2)</sup>, irrispettivament jekk kienx hemm proċessar ulterjuri ta' dan l-iskart u irrispettivament ukoll għall-orijini tal-ilmijiet.
- (6) Skart solidu urban, bħall-iskart tad-djar.
- (7) L-imbagg mill-użu ta' prodotti mill-industrija tal-ikel agrikolu, u partijiet minnu.

## Kapitolu 2: Materjali ristretti

---

<sup>(1)</sup> ĠU L 123, 24.4.1998, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 135, 30.5.1991, p. 40.

## ANNEX IV

**Tolleranzi permessi għat-tikkettar tal-kompożizzjoni ta' materjali tal-għalf jew għalf kompost kif imsemmija fl-Artikolu 11(5)**

1. It-tolleranzi stabbiliti f'dan l-Anness jinkludu devjazzjonijiet tekniċi u analitiċi. Ladarba t-tolleranzi li jkopru l-inċertezzi fil-kejl u l-varjazzjonijiet proċedurali jiġu ffixxati fil-livell Komunitarju, il-valuri stabbiliti fil-paragrafu 2 għandhom jiġu adottati kif meħtieġ biex ikopru biss it-tolleranzi tekniċi.
2. Meta l-kompożizzjoni ta' materjal tal-għalf jew ta' għalf kompost tinstab li tmur lil hinn mill-kompożizzjoni ddikjarata b'mod li tnaqqas il-valur tagħha, it-tolleranzi li ġejjin huma permessi:
  - (a) għall-proteini mhux raffinati, zokkrijiet, lamtu u inulina:
    - 3 unitajiet għal kontenuti dikjarati ta' 30 % jew aktar,
    - 10 % tal-kontenut dikjarat għal kontenuti ddikjarati ta' inqas minn 30 % iżda mhux inqas minn 10 %,
    - 1 unità għal kontenuti dikjarati ta' inqas minn 10 %.
  - (b) għall-fibri mhux raffinati, żjut u xaħmijiet mhux raffinati:
    - 2,2 unitajiet għal kontenut dikjarat ta' 15 % jew aktar,
    - 15 % tal-kontenut dikjarat għal kontenuti ddikjarati ta' inqas minn 15 % iżda mhux inqas minn 5 %,
    - 0,8 ta' unità għal kontenut dikjarat ta' inqas minn 5 %.
  - (c) għall-umdità, irmied mhux raffinat, irmied li ma jinħallx fl-aċidu idrokloriku u kloruri bħal NaCl, fosfru totali, sodju, karbonat tal-kalċju, kalċju, manjeżju, indiċi tal-aċidu u materjal insolubbli f'petroljum ħafif:
    - 1,5 unitajiet għal kontenut dikjarat (valuri) ta' 15 % (15) jew aktar, kif ikun xieraq,
    - 10 % tal-kontenut dikjarat (valur) għal kontenut dikjarat (valuri) ta' inqas minn 15 % (15), iżda mhux inqas minn 2 % (2), jekk ikun il-każ,
    - 0,2 ta' unità għal kontenut dikjarat (valuri) ta' inqas minn 2 % (2), kif ikun xieraq.
  - (d) għall-valur enerġetiku 5 % u għall-valur proteiku 10 %;
  - (e) għall-addittivi tal-għalf <sup>(1)</sup>:
    - 10 % jekk il-kontenut dikjarat hu 1 000 unità jew aktar,
    - 100 unità għal kontenut dikjarat ta' inqas minn 1 000 unità iżda mhux inqas minn 500 unità,
    - 20 % tal-kontenut dikjarat ta' inqas minn 500 unità iżda mhux inqas minn 1 unità,
    - 0,2 ta' unità għal kontenut dikjarat ta' inqas minn 1 unità iżda mhux inqas minn 0,5 ta' unità,
    - 40 % tal-kontenut dikjarat ta' inqas minn 0,5 ta' unità.

Dawn it-tolleranzi għandhom japplikaw ukoll għal-livelli massimi tal-addittivi tal-ikel fl-ikel kompost.
3. Sakemm ma jinqabiżx il-livell massimu ffixxat għal kull addittiv tal-għalf, id-devjazzjoni mill-kontenut dikjarat tista' tkun sa tliet darbiet it-tolleranza rilevanti stabbilita fil-paragrafu 2.
4. Għall-addittivi tal-ikel li jappartjenu lill-grupp ta' mikro-organiżmi, il-limitu massimu għandu jikkorrispondi mal-livell massimu ffixxat.

<sup>(1)</sup> Unità waħda f'dan il-paragrafu tfisser 1 mg, 1 000 IU,  $1 \times 10^9$  CFU jew 100 unità ta' attività tal-enzimi tal-addittiv tal-għalf rispettiv.

## ANNEX V

**Dikjarazzjoni obbligatorja għall-materjali tal-għalf kif imsemmija fl-Artikolu 16(1)(b)**

	Materjal tal-għalf li jikkonsisti fi	Dikjarazzjoni obbligatorja ta'
1.	Għalf għal bhejjem u għalf oħxon	Proteina mhux raffinata, jekk > 10 % Fibra mhux raffinata
2.	Qamħ taċ-ċereali	
3.	Il-prodotti ta' u l-prodotti sekondarji mill-qamħ taċ-ċereali	Lamtu, jekk > 20 % Proteina mhux raffinata, jekk > 10 % Żejt u xaħmijiet mhux raffinati, jekk > 5 % Fibra mhux raffinata
4.	Żerriegħa taż-żejt, frott taż-żejt	
5.	Il-prodotti ta' u l-prodotti li ġejjin miż-żerriegħa taż-żejt, mil-frott taż-żejt	Proteina mhux raffinata, jekk > 10 % Żejt u xaħmijiet mhux raffinati, jekk > 5 % Fibra mhux raffinata
6.	Żerriegħa tal-legumi	
7.	Il-prodotti ta' u l-prodotti sekondarji miż-żerriegħa tal-legumi	Proteina mhux raffinata, jekk > 10 % Fibra mhux raffinata
8.	Tuberi, għeruq	
9.	Il-prodotti ta' u l-prodotti sekondarji mit-tuberi u mill-għeruq	Lamtu Fibra mhux raffinata Irmied ma jinħallx fl-HCl, jekk > 3,5 % ta' materja niexfa
10.	Il-prodotti ta' u l-prodotti sekondarji mill-industrija tal-ipproċessar tal-pitrava taz-zokkor	Fibra mhux raffinata, jekk > 15 % Zokkor totali, ikkalkulat bħala zokkor tal-kannamieli Irmied ma jinħallx fl-HCl, jekk > 3,5 % ta' materja niexfa
11.	Il-prodotti ta' u l-prodotti sekondarji mill-industrija tal-ipproċessar taz-zokkor tal-kannamieli	Fibra mhux raffinata, jekk > 15 % Zokkor totali ikkalkulat bħala zokkor tal-kannamieli
12.	Żerriegħa u frott ieħor, il-prodotti tagħhom u l-prodotti sekondarji minnhom, ħlief dawk imsemmija fil-punti 2-7	Proteina mhux raffinata Fibra mhux raffinata Żejt u xaħmijiet mhux raffinati, jekk > 10 %
13.	Pjanti oħra, il-prodotti tagħhom u l-prodotti sekondarji minnhom, ħlief dawk imsemmija fil-punti 8-11	Proteina mhux raffinata, jekk > 10 % Fibra mhux raffinata
14.	Prodotti tal-ħalib u l-prodotti sekondarji minnhom	Proteina mhux raffinata Umdità, jekk > 5 % Lattosju, jekk > 10 %
15.	Prodotti tal-annimali tal-art u l-prodotti sekondarji minnhom	Proteina mhux raffinata, jekk > 10 % Żejt u xaħmijiet mhux raffinati, jekk > 5 % Umdità, jekk > 8 %
16.	Ħut, annimali marini oħra, il-prodotti tagħhom u l-prodotti sekondarji minnhom	Proteina mhux raffinata, jekk > 10 % Żejt u xaħmijiet mhux raffinati, jekk > 5 % Umdità, jekk > 8 %
17.	Minerali	Kalċju Sodju Fosfru Minerali rilevanti oħra
18.	Mixxellanji	Proteina mhux raffinata, jekk > 10 % Fibra mhux raffinata Żejt u xaħmijiet mhux raffinati, jekk > 10 % Lamtu, jekk > 30 % Zokkor totali, bħala zokkor tal-kannamieli, jekk > 10 % Irmied ma jinħallx fl-HCl, jekk > 3,5 % ta' materja niexfa



## ANNEX VI

**Detalji tat-tikkettar għall-materjali tal-għalf u l-għalf kompost għall-annimali li jipproduċu l-ikel**

Il-Kapitolu I: It-tikkettar tal-addittivi tal-għalf kif imsemmija fl-Artikoli 15(f) u 22(1)

1. L-addittivi li ġejjin għandhom jiġu elenkati bl-isem speċifiku tagħhom kif definit fl-att legali rilevanti li jawtorizza l-addittiv tal-għalf in kwistjoni, l-ammont miżjud, in-numru tal-identifikazzjoni u l-isem tal-grupp funzjonali kif stabbilit fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003 jew il-kategorija msemmija fl-Artikolu 6(1) ta' dak ir-Regolament:
  - (a) addittivi fejn il-kontenut massimu jkun iffissat għal kull tip ta' speċi fil-mira;
  - (b) addittivi li jappartjenu lill-kategoriji "addittivi zootekniki" u "koċċidjostati u histomonostati";
  - (c) addittivi li jappartjenu lill-grupp funzjonali ta' "l-urea u d-derivattivi tagħha" tal-kategorija "addittivi nutrizzjonali" kif stabbiliti fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003.
2. L-isem kif stabbilit fl-att legali rilevanti li jawtorizza l-addittiv in kwistjoni tal-għalf u l-ammont miżjud tal-addittiv tal-għalf għandhom jiġu indikati jekk il-preżenza tal-addittiv tkun enfasizzata fuq it-tikketta permezz ta' kliem, stampi jew grafika.
3. Il-persuna responsabbli mit-tikketta għandha turi l-ismijiet, in-numru ta' identifikazzjoni u l-grupp funzjonali tal-addittivi tal-għalf mhux imsemmija fil-paragrafu 1 li-xerrej fuq talba tiegħu.
4. Addittivi tal-għalf mhux imsemmija fil-paragrafu 1 jistgħu jiġu indikati volontarjament fil-forma stabbilita fil-paragrafu 1 jew parzjalment.
5. Jekk addittiv tal-għalf sensorjali jew nutrizzjonali kif imsemmi fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003 ikun itikkettat fuq bażi volontarja, l-ammont miżjud tiegħu għandu jiġi indikat.
6. Jekk addittiv jappartjeni għal aktar minn grupp funzjonali wieħed, il-grupp funzjonali jew kategorija li jikkorrispondi għall-funzjoni prinċipali tiegħu fil-każ tal-għalf partikolari għandu jintwera.

Il-Kapitolu II: It-tikkettar ta' kostitwenti analitiċi kif imsemmi fl-Artikolu 17(1)(f) u 22(1)

1. Il-kostitwenti analitiċi tal-għalf kompost għall-annimali li jipproduċu l-ikel għandha titniżżel fuq it-tikketta kif ġej:

Għalf	Kostitwenti analitiċi u l-livelli	Speċijiet fil-mira
Għalf komplet	— Proteina mhux raffinata	L-ispeċijiet kollha
	— Fibra mhux raffinata	L-ispeċijiet kollha
	— Żejt u xaħmijiet mhux raffinati	L-ispeċijiet kollha
	— Irmied mhux raffinat	L-ispeċijiet kollha
	— Liżin	Ħnieżer u tjur
	— Metjonina	L-ispeċijiet kollha
	— Kalċju	L-ispeċijiet kollha
	— Sodju	L-ispeċijiet kollha
	— Fosfru	L-ispeċijiet kollha
Għalf komplementari – Minerali	— Liżin	Ħnieżer u tjur
	— Metjonina	Ħnieżer u tjur
	— Kalċju	L-ispeċijiet kollha
	— Sodju	L-ispeċijiet kollha
	— Fosfru	L-ispeċijiet kollha
	— Manjeżju	Annimali li jixtarru

Għalf	Kostitwenti analitiċi u l-livelli	Speċijiet fil-mira
Għalf komplementari – Oħrajn	— Proteina mhux raffinat	L-ispeċijiet kollha
	— Fibra mhux raffinat	L-ispeċijiet kollha
	— Żejt u xaħmijiet mhux raffinati	L-ispeċijiet kollha
	— Irmied mhux raffinat	L-ispeċijiet kollha
	— Liżin	Ħnieżer u tjur
	— Metjonina	Ħnieżer u tjur
	— Kalċju $\geq 5\%$	L-ispeċijiet kollha
	— Sodju	L-ispeċijiet kollha
	— Fosfru $\geq 2\%$	L-ispeċijiet kollha
	— Manjeżju $\geq 0,5\%$	Annimali li jixtarru

- Jekk l-amino aċidi, vitamini u/jew elementi traċċa huma indikati taħt it-titolu tal-kostitwenti analitiċi, huma għandhom jiġu ddikjarati bl-ammont totali tagħhom.
- Jekk il-valur enerġetiku u/jew il-valur tal-proteina jkunu indikati, dik l-indikazzjoni għandha ssir skont il-metodu tal-KE, jekk ikun disponibbli jew skont il-metodu nazzjonali uffiċjali rispettiv fl-Istat Membru fejn l-għalf jitqiegħed fis-suq, jekk ikun disponibbli.

## ANNEX VII

**Detalji tat-tikkettar għall-materjali tal-għalf u l-għalf kompost għall-annimali li ma jipproduċux l-ikel**

Il-Kapitolu I: It-tikkettar tal-addittivi tal-għalf kif imsemmija fl-Artikoli 15(f) u 22(1)

1. L-addittivi li ġejjin għandhom jiġu elenkati, bl-isem speċifiku tagħhom kif definit fl-att legali rilevanti li jawtorizza l-addittiv tal-għalf in kwistjoni u/jew in-numru tal-identifikazzjoni tiegħu, l-ammont miżjud u l-isem tal-grupp funzjonali kif stabbilit fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003 jew il-kategorija msemmija fl-Artikolu 6(1) ta' dak ir-Regolament:

- (a) addittivi fejn il-kontenut massimu jkun iffissat għal kull tip ta' speċi fil-mira;
- (b) addittivi li jappartjenu lill-kategoriji "addittivi zootekniki" u "koċċidjostati u histomonostati";
- (c) addittivi li jappartjenu lill-grupp funzjonali ta' "l-urea u d-derivattivi tagħha" tal-kategorija "addittivi nutrizzjonali" kif stabbiliti fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, għall-addittivi tal-gruppi funzjonali "preservanti", "antiossidanti" u "koloranti" kif stabbiliti fl-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 1831/2003, il-grupp funzjonali in kwistjoni biss jista' jiġi indikat.

F'dan il-każ l-informazzjoni skont il-paragrafu 1 għandha tingħata mill-persuna responsabbli għat-tikketta lix-xerrej, fuq talba ta' dan tal-aħħar.

- 3. L-isem kif stabbilit fl-att legali rilevanti li jawtorizza l-addittiv in kwistjoni tal-għalf u l-ammont miżjud tal-addittiv tal-għalf għandhom jiġu indikati jekk il-preżenza tal-addittiv tkun enfasizzata fuq it-tikketta permezz ta' kliem, stampi jew grafika.
- 4. Il-persuna responsabbli mit-tikkettar għandha turi l-ismijiet, in-numru ta' identifikazzjoni u l-grupp funzjonali tal-addittivi tal-għalf mhux imsemmija fil-paragrafu 1 lix-xerrej fuq talba tiegħu.
- 5. Addittivi tal-għalf mhux imsemmija fil-paragrafu 1 jistgħu jiġu indikati volontarjament fil-forma skont kif stabbiliti fil-paragrafu 1 jew parzjalment.
- 6. Jekk addittiv tal-għalf sensorjali jew nutrizzjonali kif imsemmi fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003 ikun ittikketat fuq bażi volontarja, għandu jiġi indikat l-ammont miżjud tiegħu.
- 7. Jekk addittiv jappartjeni għal aktar minn grupp funzjonali wieħed, il-grupp funzjonali jew il-kategorija li jikkorrispondu għall-funzjoni prinċipali tiegħu fil-każ tal-għalf partikolari għandhom jintwerew.
- 8. Il-persuna responsabbli għat-tikkettar tal-għalf għandha tagħmel disponibbli lill-awtoritajiet responsabbli għat-tweqqif tal-kontrolli uffiċjali kwalunkwe informazzjoni dwar il-kompożizzjoni jew il-karatteristiċi ddikjarati tal-għalf li jqiegħdu fis-suq li tippermetti li tiġi verifikata ċ-ċarezza tal-informazzjoni mogħtija fit-tikketti, inkluża l-informazzjoni kompleta dwar l-addittivi kollha użati.

Kapitolu II: It-tikkettar tal-kostitwenti analitiċi kif imsemmija fl-Artikolu 17(1)(f) u 22(1)

1. Il-kostitwenti analitiċi tal-għalf kompost għall-annimali li ma jipproduċux l-ikel għandha titniżżel fuq it-tikketta kif ġej:

Għalf	Kostitwenti analitiċi	Speċijiet fil-mira
Għalf komplet	— Proteina mhux raffinata	Qtates, klieb u annimali tal-fer
	— Fibri mhux raffinati	Qtates, klieb u annimali tal-fer
	— Żejt u xaħmijiet mhux raffinati	Qtates, klieb u annimali tal-fer
	— Irmied mhux raffinat	Qtates, klieb u annimali tal-fer

Għalf	Kostitwenti analitiċi	Speċijiet fil-mira
Għalf komplementari — Minerali	— Kalċju	L-ispeċijiet kollha
	— Sodju	L-ispeċijiet kollha
	— Fosfru	L-ispeċijiet kollha
Għalf komplementari — Oħrajn	— Proteina mhux raffinata	Qtates, klieb u annimali tal-fer
	— Fibri mhux raffinati	Qtates, klieb u annimali tal-fer
	— Żejt u xaħmijiet mhux raffinati	Qtates, klieb u annimali tal-fer
	— Irmied mhux raffinat	Qtates, klieb u annimali tal-fer

2. Jekk l-amino aċidi, vitamini u/jew elementi traċċa huma indikati taħt it-titolu tal-kostitwenti analitiċi, huma għandhom jiġu ddikjarati bl-ammont totali tagħhom.
3. Jekk il-valur enerġetiku u/jew il-valur tal-proteina jkunu indikati, dik l-indikazzjoni għandha ssir skont il-metodu tal-KE, jekk ikun disponibbli jew skont il-metodu nazzjonali uffiċjali rispettiv fl-Istat Membru fejn l-għalf jitqiegħed fis-suq, jekk ikun disponibbli.

## ANNEX VIII

**Dispożizzjonijiet speċifiċi għat-tikkettar tal-ġhalf li ma jikkonformax mar-rekwiżiti tas-sikurezza u l-kummerċjalizzazzjoni taħt il-liġi komunitarja kif imsemmi fl-Artikolu 20(1)**

1. Il-materjali kkontaminati għandhom jitniżżlu fit-tikketta bħala "ġhalf b'livell(i) għoli/għolja ta' ... (deżinjazzjoni tas-sustanza/i mhux mixtieqa skont l-Anness I għad-Direttiva 2002/32/KE), u biex jintuża biss bħala ġhalf wara ditossifikazzjoni fi stabbilimenti awtorizzati". L-awtorizzazzjoni ta' daww l-istabbilimenti għandha tkun konformi mal-Artikolu 10(2) jew (3) tar-Regolament (KE) Nru 183/2005.
2. Fil-każ li jkun hemm l-intenzjoni li l-kontaminazzjoni titnaqqas jew tiġi eliminata bit-tindif, it-tikkettar ta' materjali kkontaminati għandu jkun fiha il-kliem addizzjonali li ġej "ġhalf b'livell(i) eċċessiv(i) ta' ... (deżinjazzjoni tas-sustanza(i) mhux mixtieqa skont l-Anness I tad-Direttiva 2002/32/KE), li għandha tintuża biss bħala ġhalf wara tindif adegwat".



## ANNEX IX

## TABELLA TA' KORRELAZZJONI

Direttiva 79/373/KEE	Direttiva 96/25/KE	Atti oħra: Direttivi 80/511/KEE (1), 82/471/KEE (2), 93/74/KEE (3), 93/113 KE (4) jew Deċiżjoni 2004/217/KE (5)	Dan ir-Regolament
—	—	—	Artikolu 1
Artikolu 1	Artikolu 1	(2), (4): Article 1 (3): Artikolu 4	Artikolu 2
Artikolu 2	Artikolu 2	(2), (3): Artikolu 2	Artikolu 3
—	—	—	Artikolu 4(1)
Artikolu 3	Artikolu 3	(3): Artikolu 1(2)	Artikolu 4(2)
—	Artikolu 4	—	Artikolu 4(3)
—	—	—	Artikolu 5(1)
Artikolu 12	—	(3): Artikolu 10(2)	Artikolu 5(2)
Artikolu 10a(3)	Artikolu 11(b)	(2): Artikolu 8	Artikolu 6
—	—	—	Artikolu 7
—	—	—	Artikolu 8
—	—	(3): Artikolu 3	Artikolu 9
—	—	(3): Artikolu 6	Artikolu 10
Artikolu 5e	—	—	Artikolu 11(1)
Artikolu 5(2)	Artikolu 5(1)	(2): Artikolu 5(2)	Artikolu 11(2)
—	—	—	Artikolu 11(3)
Artikolu 5(6)	Artikolu 4 u 6(4)	—	Artikolu 11(4)
Artikolu 6	Artikolu 4	—	Artikolu 11(5)
Artikolu 5(1)	Artikolu 5(1)	—	Artikolu 12
Artikolu 5e	Artikolu 5(2)	(3): Artikolu 5(6)	Artikolu 13
Artikolu 5(1), Artikolu 11	Artikolu 5(1), Artikolu 9	—	Artikolu 14
Artikolu 5(1) u 5(5)(c)	Artikolu 5(1)	(4): Artikolu 7(1)E u Direttiva 70/524/KEE: Artikolu 16	Artikolu 15
—	Artikolu 5(1)(c), (d) u 7	—	Artikolu 16
Artikolu 5(1), 5c u 5d	—	—	Artikolu 17(1)
—	—	—	Artikolu 17(2)
Artikolu 5c(3)	—	—	Artikolu 17(3)
—	—	(3): Artikolu 5(1), (4), (7) u 6(a)	Artikolu 18
—	—	—	Artikolu 19
—	Artikolu 8	—	Artikolu 20
—	Artikolu 6(1)(a)	—	Artikolu 21(1)
Artikolu 5(5)(d)	—	—	Artikolu 21(2)

Direttiva 79/373/KEE	Direttiva 96/25/KE	Atti oħra: Direttivi 80/511/KEE (1), 82/471/KEE (2), 93/74/KEE (3), 93/113 KE (4) jew Deċiżjoni 2004/217/KE (5)	Dan ir-Regolament
	Artikolu 6(3)(a)		Artikolu 21(3)
Artikolu 5(5)(b)			Artikolu 21(4)
Artikolu 5(5)(a)			Artikolu 21(5)
Artikolu 5(2)	Artikolu 5(3), 6(1)(b)		Artikolu 21(6)
—	—	—	Artikolu 21(7)
Artikolu 14(c)			Artikolu 21(8)
Artikolu 5(3), 5c(4) u 5e	Artikolu 5(2)		Artikolu 22
Artikolu 4(1)		(1): Artikolu 1	Artikolu 23
—	—	—	Artikolu 24
—	—	—	Artikolu 25
—	—	—	Artikolu 26
Artikolu 10	Artikolu 11		Artikolu 27
Artikolu 13	Artikolu 13	(2): Artikolu 13 u 14 (3): Artikolu 9	Artikolu 28
—	—	—	Artikolu 29
—	—	—	Artikolu 30
—	—	—	Artikolu 31
—	—	—	Artikolu 32
—	—	—	Artikolu 33
Anness Parti A(2), (3), (4)	Anness Parti A(II), (VI),		Anness I
Annex Part A(1) and Artikolu 5(6)	Artikolu 6(4)		Anness II
		(5): Anness	Anness III
Anness Parti A(5), (6)	Anness Parti A(VII)		Anness IV
	Anness Parti C		Anness V
Anness Parti B			Anness VI
Anness Parti B			Anness VII

## RETTIFIKA

**Rettifika għar-Regolament (KE) Nru 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-kondizzjonijiet għall-aċċess għan-networks ta' trażmissjoni tal-gass naturali u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1775/2005**

*(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 211 tal-14 ta' Awwissu 2009)*

Fpaġna, Artikolu 32, "Dħul fis-seħħ":

*għal:* "Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Huwa għandu japplika mit-3 ta' Settembru 2009.",

*aqra:* "Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Huwa għandu japplika mit-3 ta' Marzu 2011."

---









## PREZZ TAL-ABBONAMENT 2009 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	1 000 EUR fis-sena (*)
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	100 EUR fix-xahar (*)
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, stampati + CD-ROM annwali	22 lingwa uffiċjali tal-UE	1 200 EUR fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	700 EUR fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	70 EUR fix-xahar
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	400 EUR fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	40 EUR fix-xahar
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, CD-ROM fix-xahar (kumulattiva)	22 lingwa uffiċjali tal-UE	500 EUR fis-sena
Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, CD-ROM, żewġ edizzjonijiet fil-ġimgħa	multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE	360 EUR fis-sena (= 30 EUR fix-xahar)
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C – Kompetizzjonijiet	Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni	50 EUR fis-sena

(\*) Il-prezz kull kopja: bi 32 paġna: 6 EUR  
minn 33 sa 64 paġna: 12 EUR  
aktar minn 64 paġna: Prezz fiss għal kull każ

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli f'22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Komunikazzjoni u Informazzjoni).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (Serje S – Appalti u Swieq Pubbliċi) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'CD-ROM waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

## Bejgħ u Abbonamenti

Il-pubblikazzjonijiet bil-flus editjati mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

[http://publications.europa.eu/others/agents/index\\_mt.htm](http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm)

**EUR-Lex (<http://eur-lex.europa.eu>) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.**

**Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: <http://europa.eu>**



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea  
2985 Il-Lussemburgu  
IL-LUSSEMBURGU

MT